Diċembru 2012 • Vol 19 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Il-Police Bail
- Card Fraud – Nipproteġu l-cards tagħna mill-frodisti (It-Tieni Parti)
- L-Iskwadra Mobbli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

u aktar...

*Newspaper Post*

Diċembru 2012 • Vol 19 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp




**Qoxra:** Shiela, kelba mis-sezzjoni tal-klieb tal-Pulizija
**Ritratt:** Sezzjoni tal-Fotografija

## WERREJ














5 Editorjal

7 Messaġġ ta' Awguri mill-Onor. Prim Ministru

9 Messaġġ ta' Awguri mill-Kummissarju mis-sur John Rizzo

11 Il-Police Bail

15 Donazzjoni b'Apprezzament lejn ħidmet is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija

17 Card Fraud – Nipproteġu l-cards tagħna mill-frodisti (It-Tieni Parti)

23 Donazzjoni ta' apparat lill-Pulizija ta' Għawdex

24 Conseil Européen des Syndicats de Police

28 L-Iskwadra Mobbli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

35 Il-Forti Sant' Iermu u l-Eroj tal-Assedju

38 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

40 Sezzjoni tal-Klieb – Klieb tad-Drogi

45 Ċerimonja nhar is-7 ta' Settembru 2012

46 L-attentat fuq il-ħajja ta' Lord (Gerald) Strickland

51 L-iSpecial Olympic Games

54 Marriage Enrichment

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin



## IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech


**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:


Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt



Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN

# Editorjal

Bl-għajnuna ta' Alla waslet biex tgħaddi sena oħra; sena li fiha l-Pulizija kellha diversi mpenji kbar fosthom żewġ funerali statali w is-Summit tal-5+5. Dan minbarra x-xogħol normali tagħna fid-Distretti bħal festi reliġjużi, attivitajiet tal-Kunsilli Lokali, sportivi, filantropiċi, kulturali, mużikali u ħafna attivitajiet oħrajn.

Mill-Akkademja tal-Pulizija gradwaw numru ta' Pulizija ġodda, saru eżamijiet sabiex jinħatru surġenti ġodda, kompla t-taħriġ *in service* għall-membri tal-Korp, inxtraw vetturi u tagħmir ieħor ġdid u ħafna affarijiet oħra li wieħed faċilment jista' jinsa meta jgħaddi ftit taż-żmien.

Iżda t-tagħmir u t-taħriġ waħdu mhux biżżejjed. Jiddependi wkoll minn kull membru individwali tal-Korp: li jsir użu tajjeb tat-tagħmir provdut; u aktar minn hekk imġieba xierqa mal-kollegi fuq ix-xogħol u mal-pubbliku in ġenerali waqt il-qadi ta' dmirijietna.

Ta' spiss qed nisimgħu li xi wħud qed jingħalqu fid-distrett/branka tagħhom u ma tantx jagħtu każ jekk ma jikkonċernax lilhom direttament. Kull wieħed u waħda minnha ħadna, volontarjament, il-ġurament tal-ħatra; ħadnih bħala membri f'Korp tal-Pulizija wieħed u mhux bħala pulizija f'xi taqsima tal-Korp partikolari. Id-doveri tagħna skont il-liġi, huma ta' kulħadd l-istess. Aħna membri ta' Korp wieħed; anke jekk jista' jkun hemm xi deċiżjonijiet li ma naqblux magħhom, obbligati li nibqgħu nagħtu s-servizz tagħna sħiħ u kontinwu. Dak li jagħmilna korp dixxiplinat u professjonali.

Il-Bord Editorjali jawgura l-Festi t-Tajba lilkom u lill-familji tagħkom.

# Messaġġ mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Onor. Prim Ministru Lawrence Gonzi



Bi pjaċir qiegħed nikteb għall-ewwel darba messaġġ f'din il-pubblikazzjoni li inthom toħorġu u li permezz tagħha tifthu tieqa oħra fuq il-ħidma li twettqu għall-ġid tas-soċjeta' Maltija.

Il-ħidma tagħkom hi waħda delikata. Titlob impenn qawwi. Intom, tkunu ta' għajnuna u appoġġ f'sitwazzjonijiet delikati fejn in-nies ikunu għaddejjin minn mumenti jew trawmi diffiċli ħafna. Għalhekk kulma tagħmlu jkollu impatt fuq in-nies li tkunu f'kuntatt magħhom.

Nisimgħu ukoll kif membri tal-Korp imorru 'l hinn mid-doveri tagħhom, kultant b'periklu għalihom nnifishom, ħalli jagħtu l-aqwa servizz.

Permezz tax-xogħol tagħkom, il-protezzjoni li tagħtu liċ-ċittadin, u l-ħarsien tal-ordni pubbliku toffru serħan tal-moħħ li l-poplu Malti jgawdi llum. Is-serħan tal-moħħ hu kundizzjoni importanti biex poplu jgawdi u jgħix kwalita' ta' ħajja tajba.

Meta jkolli laqgħat ma' investituri barranin li jagħżlu lil Malta biex joperaw minn hawn, spiss isemmu wkoll ir-rata baxxa ta' kriminalita' li twassalhom biex jagħżlu lil pajjiżna biex jinvestu fih u joħolqu x-xogħol għall-ħaddiema.

Dawn huma affarijiet li lilkom għandhom jagħmlukom kburin.

Insellem u nirringrazzja mill-qalb lil kull wieħed u waħda minnkom tad-dedikazzjoni tagħkom.

Aħna, min-naħa tagħna, nibqgħu determinati u kommessi sabiex kif dejjem għamilna, insaħħu r-rwol tagħkom b'investiment kontinwu – kemm f'apparat bħalma huma l-laboratorju tad-DNA u l-apparat tal-fingerprints; f'infrastrutura bħall-Akkademja tal-Pulizija li qed nibnu bħalissa f'Ta' Kandja kif ukoll f'tisħiħ tar-riżorsi umani. Din is-sena daħħalna fis-seħħ, pakkett ta' titjib finanzjarju għall-membri tal-Korp tal-Pulizija. Għall-ewwel darba daħħalna wkoll Police Force Allowance. Tejjibna l-kundizzjonijiet finanzjarji tagħkom biex dawn jiġu jirriflettu aktar in-natura tax-xogħol tagħkom.

M'għandi l-ebda dubju li l-professjonaliżmu, id-dedikazzjoni u l-kuraġġ tagħkom kif ukoll l-appoġġ u s-sostenn li ssibu mill-familji tagħkom, se jkomplu jispirawkom sabiex bħalma għamiltu u qed taghmlu tkomplu tilqgħu għall-isfidi tal-ġejjieni.

Nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom Milied hieni u s-Sena ġdida mimlija risq.

Lawrence Gonzi
Prim Ministru

# Messaġġ tal-Milied lill-Pulizija, mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo



Il-festi tal-Milied huwa żmien li niftakru fit-twelid ta' Ġesu' Bambin. Huwa żmien li nirriflettu, żmien fejn wieħed jagħti, jferraħ u jaqsam l-imħabba ma' ħaddieħor. Dan il-ħsieb iwassalni ukoll biex nagħti r-ringrazzjament kbir tiegħi lill-kollegi membri tal-Pulizija kollha tax-xogħol li għamlu matul is-sena.

Matul din is-sena għamilna sforzi kbar biex nilħqu l-impenn tagħna u cioe' dik li nimmotivaw lill-membri tagħna, dik li niġġieldu l-kriminalita' u li nibnu relazzjoni aħjar mal-kommunita'. Il-Korp ħareġ b'diversi miżuri innovativi u tiġdid f'diversi oqsma biex jagħmel dan.

Din is-sena saru sforzi kbar biex inkomplu nsebħu diversi għasses u sezzjonijiet oħra tal-Korp. Barra dan il-Korp kompla jissaħħah fir-riżorsi umani u tagħmir biex jgħinuh jaqdi d-doveri tiegħu aħjar. Komplejna inzidu r-radios personali kif ukoll fil-vetturi tagħna. Investejna f'numru kbir ta' vetturi ġodda biex nissaħħu fil-ġlieda kontra l-kriminalita'. Numru ieħor ta' vetturi kbar heavyplant u vetturi oħra bil-flood lights biex jintużaw għax-xogħol tagħna matul il-lejl. Komplejna ninvestu f'aktar apparat ta' kontra l-irvelli, aktar breathalyzers biex inkunu aktar effiċjenti fejn jidħol sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol. Investejna fit-taqsima tal-Forensika b'apparat ta' AFIS u databank ta' DNA ġodda. Investejna fl-MT Garage b'żewġ lifts oħra tal-vetturi u spray booth fejn inkunu jista jsir spraying ta' vetturi bl-ilma li huwa aktar sikur għas-saħħa tal-membri tagħna. Komplejna nżidu numru ta' air-conditions kif ukoll nibdlu u nżidu aktar computers fl-uffiċini tagħna. Saħħaħna wkoll it-taqsimiet tal-ALE u l-SAG b'vetturi ġodda 4 x 4 u żewġ ribs (boats) u apparat ieħor utili fix-xogħol tal-istess sezzjonijiet.

Nemmen li l-isforzi kbar li għamilna matul din is-sena ħallew il-frott mixtieq minn kulħadd. Komplejna nħarxu l-ġlieda taghnna kontra kull tip ta' kriminalita' partikolarment dik organizata u r-reati oħra ġodda li ġabet magħha l-era cyber. Ma kinitx sena faċli anzi kienet sena impenjattiva ħafna partikolarment mill-aspett investigattiv. Ir-riżultati pożitivi miksuba huma kollha mertu tax-xogħol kollu li għamilna flimkien.

Matul is-sena d-dieħla nixtieq nkomplu nsaħħu l-isforzi tagħna biex nagħmlu pajjiżna aktar sigur. Inkomplu ntejbu l-isforzi tagħna fejn tidħol għajnuna lill-vittmi tal-kriminalita'. Kif tafu ben tajjeb bħalissa qegħdin nagħtu lectures regolari fl-iskola Umberto Colosso li ġiet irranġata fi żmien qasir ħafna biex inkunu nistgħu nakkomodawkom fiha mingħajr ma ntelfulkom lezzjonijiet ta' tagħlim. Ippruvajna nattrezzawha bl-aħjar mod possibbli anke jekk nafu li din hija għal żmien temporanju. Bħalissa għaddejjin bil-kostruzzjoni ta' bini ġdid fejn se jkollna l-Akkademja tagħna ġewwa ta' Kandja. Akkademja li se nippruvaw nattrezzawha b'kull tagħmir modern li post bħal dan ikollu bżonn. Kienet il-ħolma tagħna li xi darba l-Korp ikollu Akkademja denja li tixraqlu għaż-żminijiet tal-lum. Din il-ħolma waslet biex inwettquha lkoll flimkien. Ġewwa Ta' Kandja għandna post fejn nistgħu nagħtu t-tagħlim kollu li għandna bżonn biex insiru aktar professjonali fil-qadi tad-doveri tagħna. Huwa post fejn nistgħu nakkomodaw sezzjonijiet oħra fih bħalma huma t-taqsimiet tal-klieb u ż-żwiemel. Post fejn dawn ikunu jistgħu jagħmlu t-taħriġ tagħhom ta' kuljum mingħajr tfixkil ta' xejn. Post fejn il-membri tagħna ikunu jistgħu jagħmlu t-taħriġ tal-armi u l-eżerċizzji fiżiċi tagħhom f'kumplessi sportivi professjonali. Il-ħsieb tagħna huwa li nkomplu nattrezzaw kull membru tal-Pulizija b'aktar taħriġ u għodod li jagħmlu Pulizija aktar komplut u professjonali fuq livelli ta' Pulizija oħra barranin. Din hija l-viżjoni tagħna u hemm iridu naslu. Is-sena li ġejja bħal snin oħra se tkun ukoll impenjattiva. Se tkun ftit differenti mis-sena li waslet biex tispiċċa imma lanqas se tkun xi ħaġa unika u li qatt m'għaddejna minn waħda bħala. Is-sena l-ġdida se tkun is-sena fejn pajjiżna se jkollu l-elezzjoni ġenerali.

M'għandix l-iċken dubju li kull wieħed minnha se jagħmel ħiltu kollha biex flimkien nagħtu l-aħjar servizz lill-pajjiżna kif dejjem għamilna. Importanti li niftakru li aħna Pulizija u rridu naġixxu ta' Pulizija serji u professjonali u b'hekk biss nirbħu l-ammirazzjoni u r-rispett tal-poplu tagħna. M'għandna qatt u għall-ebda raġuni nesprimu ruħna politikament fuq il-post tax-xogħol tagħna. Għandna nirrispettaw dejjem lil xulxin anke jekk ma nkunux naqblu f'ċertu aspetti. M'għandiex dubju li hekk se jsir u kif dejjem sar, se noħorġu minn din l-esperjenza b'rasna ilkoll mgħollija. Għalhekk nixtieq ngħid grazzi u prosit mill-qalb lil kull membru tal-Korp għal-kontribut u l-impenn li wrejtu fil-qadi tad-doveri tagħkom. Grazzi lill-familja tagħkom ta' l-għajnuna u s-support kontinwu tagħhom. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil l-ex membri tal-Korp li m'għadhomx jservu spalla ma' spalla magħna tax-xogħol tagħhom fi ħdan il-Korp u s-servizz li huma taw matul is-snin.

Ma xtaqtx nagħlaq dan il-messaġġ qasir u nonqos milli nsemmi l-erba' kollegi tagħna li ħallewna mingħajr ma kien mistenni, mhux mill-Korp biss, imma minn din id-dinja, meta mietu f'għomor żgħir matul din is-sena. Minn hawn insellem u nirringrazzja lil Josianne Costa, lil Victor Ciappara, lil Clinton Pace u l-aħħar u mhux l'anqas lil Joseph Busuttil tas-servizz li taw fi ħdan il-Korp fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u ż-żamma tal-paċi u l-ordni pubblika biex jaraw pajjiżna aħjar u poplu aktar sikur. Nagħti l-għomor lil għeżież u l-membri tal-familji kollha tagħhom.

B'dawn il-ħsibijiet nixtieq nawgura lil kull membru tal-Korp u lill-familji tagħkom kif ukoll lil poplu Malti u Għawdxi kollu tal-kooperazzjoni u s-support tagħhom lill-Korp tal-Pulizija, il-Milied ħieni u sena mimlija hena, risq u saħħa.

# Il-*Police Bail*

mis-Supretendent Dr Dominic Micallef LLD – Uffiċċju Legali

L-Att III tal-2002 daħħal fis-seħħ is-setgħa li l-Pulizija tista' tirrilaxxa persuna arrestata b'ċerti kundizzjonijiet dak li nirreferu bħala l-Police Bail. Il-*Police Bail* huwa għodda importanti ħafna għall-Pulizija liema għodda, il-Pulizija għanda tuża' bl-aqwa għaqal u kawtela.

Skont l-Artikolu 355 AL, il-persuna arrestata għandha tinħeles bla ebda kundizzjoni sakemm l-uffiċjal tal-kustodja ma jkunx jidhirlu :

(a) li jkun hemm bżonn ta' iktar investigazzjoni dwar xi kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' dak li dwaru tkun saret id-detenzjoni f'xi waqt matul il-perjodu tad-detenzjoni tiegħu; jew

(b) li jkunu jistgħu jinbdew proċeduri kontrih dwar dik il-kwistjoni.

Il-Police Bail jista' jingħata meta teżisti waħda miż-żewġ raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 355 AL. Ser ngħaddi biex nikteb xi ħaġa dwar l-ewwel raġuni fejn tipprovdi li l-Police Bail għandu jingħata meta jkun hemm bżonn ta' aktar investigazzjonijiet. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-massimu ta' ħin ta' arrest huwa ta' 48 siegħa u għaldaqstant f'dan il-ħin, il-Pulizija kemm jista' jkun malajr jew tressaq il-persuna l-Qorti jew tirrilaxaħ mill-arrest. Jista' jkun li l-Pulizija f'dawn it-48 siegħa ma tkunx għadha lestiet mill-investigazzjoni kollha u jkollha bżonn aktar żmien għall-interogazzjoni tal-persuna suspettata. F'każ li jiġri hekk, il-persuna arrestata tista' tinħeles mill-arrest bil-kundizzjoni li f'ħin u data oħra mogħtija mill-Pulizija terġa` tirrapporta għand il-Pulizija ħalli tissokta l-investigazzjoni.

Jista' jiġri wkoll li l-Pulizija ma tkunx għadha lesta mill-investigazzjoni minħabba li tkun trid tirċievi xi informazzjoni oħra per eżempju minn awtoritajiet oħrajn sabiex tkun tista' tinvestiga l-każ. F'dan il-każ, il-persuna arrestata tista' wkoll tinħeles mill-arrest bil-kundizzjonijiet. L-importanti huwa li l-Police Bail jingħata lill-persuna arrestata minħabba li min-natura tal-investigazzjoni u wara li l-Pulizija tkun eżawriet kemm jista' jkun il-ħin disponibbli għall-investigazzjoni, ikun hemm il-ħtieġa għal aktar investigazzjonijiet.



Meta persuna tingħata l-Police Bail, dan għandu jsir bl-akbar għaqal u responsabilita`. Din l-għodda tal-Police Bail hija għall-benefiċċju tax-xogħol li għandu jsir fl-investigazzjoni u mhux għal benefiċċju tal-investigatturi. Persuna ma għandhiex tinħeles mill-arrest bil-kundizzjonijiet għas-sempliċi raġuni għax l-investigatur mhux f'pożizzjoni li jkellem il-persuna arrestata jew għax m'għandux iċ-ċans li jissokta bl-investigazzjoni. Il-*Police Bail* għandu jingħata meta l-investigazzjoni min-natura tagħha u mill-kumplessita` tagħha jkun mistħoqq aktar ħin ta' investigazzjoni speċjalment għall-interrogazzjoni tal-persuna arrestata.

It-tieni raġuni meta jkun jista' jingħata l-Police Bail hija sabiex il-persuna arrestata tkun tista` titressaq il-Qorti taħt arrest. Dan jista' jiġri meta l-Pulizija tista' tkun lesta mill-interrogatorju tal-persuna imma sabiex tressqu l-Qorti jkun fadlilha xi trufijiet oħra biex tagħlaq l-investigazzjoni. Il-persuna tista' tinħeles mill-arrest bil-kundizzjonijiet u titressaq taħt arrest il-Qorti aktar tard.

Il-kundizzjonijiet tal-Police Bail huma :-

i) li ma tippruvax jew tagħmel xi ħaġa biex taħrab minn Malta mingħajr l-awtorita` tal-uffiċjal investigattiv;

ii) tattendi f'xi Għassa tal-Pulizija u f'xi ħin partikolari;

iii) li tattendi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'dak il-ħin u f'dak il-post hekk kif il-Qorti tistabbilixxi.

Dawn huma l-kundizzjonijiet li l-persuna arrestata tista' tingħata meta tinħeles mill-arrest. Wieħed jista' jsaqsi minn huwa l-persuna responsabbli li jagħti dawn il-kundizzjonijiet ?

Skont l-Artikolu 355 AL(3) huwa l-uffiċjal tal-kustodja responsabbli mill-għoti ta' dawn il-kundizzjonijiet. Fil-prattika, id-deċiżjoni jekk jingħatawx il-kundizzjonijiet jew le ma tittiħiedx biss mill-uffiċjal tal-kustodja waħdu imma l-uffiċjal investigatur jitlob lill-uffiċjal tal-kustodja biex jeħles lill-persuna arrestata mill-arrest bil-kundizzjonijiet.

Madankollu skont il-liġi jekk jingħatawx jew le il-kundizzjonijiet lill-persuna arrestata, id-deċiżjoni aħħarija taqa' fuq l-uffiċjal tal-kustodja. Filfatt, skont l-artikolu 355 AL(4), meta dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux meħtieġa huwa l-uffiċjal tal-kustodja li javża lill-persuna ndikata bil-miktub li l-kundizzjonijiet mhumiex aktar meħtieġa. L-uffiċjal tal-kustodja, kif wieħed jista' jintebaħ, għandu responsabilitajiet kbar ħafna meta jiġi biex jirrilaxxa persuna bil-kundizzjonijiet jew le. Sabiex iwettaq din ir-responsabbilita`, l-uffiċjal tal-kustodja skont l-Artikolu 63(1) tal-Kapitolu 164 għandu jirrivedi mal-uffiċjal investigatur meta l-persuna miżmuma tibqa' tinżamm, sabiex jiġi deċiż jekk dan ikunx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi. Din ir-reviżjoni tista' sservi wkoll sabiex l-uffiċjal tal-kustodja ikollu stampa aktar ċara jekk jeħlis lill-persuna arrestata bil-kundizzjonijiet jew le.

Għandu jingħad ukoll li meta dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux aktar meħtieġa, skont l-Artikolu 355 AL(4) l-uffiċjal tal-kustodja jista' b'avviż bil-miktub jinforma lil dik il-persuna li l-kundizzjonijiet ma għadhomx meħtieġa. Dan is-subartikolu jagħmel aktar ċar il-fatt li l-kundizzjonijiet tal-Police Bail jingħataw u jitneħħew mill-uffiċjal tal-kustodja. Huwa importanti li kull investigatur għandu jżomm f'moħħu li l-Police Bail hija għodda tajba għall-investigattur għall-benefiċċju tal-investigazzjoni u din l-għodda għandha tintuża bl-akbar għaqal u responsabbilita`.

dominic.micallef@gov.mt

# Donazzjoni b'Apprezzament lejn ħidmet is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija

minn PS 41 Matthew Attard – Sezzjoni tal-Klieb

Wara li tul il-ħarġiet ta' din is-sena tkellimna ftit fuq l-istorja tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija u fuq waħda mit-taqsimiet tagħna ta' tfittix ta' materjal splussiv, ma' din il-ħarġa se naraw ukoll sezzjoni oħra ta' tfittxijiet għan-narkotiċi. Iżda, s-suġġett ta' llum ser ikun wieħed ta' apprezzament li ġie muri lejn din is-sezzjoni. Wieħed mix-xogħol ewlieni u kontinwu li tagħmel is-Sezzjoni tal-Klieb hija dik ta' patrol u tfittxijiet ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Dan ix-xogħol ilu jsir snin twal iżda nistqarr li din l-aħħar sena s-sehem tagħna qed ikun aktar frekwenti b'sigħat ta' xogħol imqassma mal-ġurnata kollha, inkluż il-lejl.




Dan is-servizz li qed noffru f'din iż-żona partikolari tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta tidher li ħalliet il-frott mixtieq kemm għall-Korp innifsu u kemm għall-ajruport in ġenerali. L-Ajruport Internazzjonali għandu funzjoni importanti ħafna lejn il-pajjiż f'ħafna setturi, iżda l-aktar fattur li nidħlu fih aħna huwa dak tal-qasam tas-sigurta` u r-relazzjoni sabiħa mal-pubbliku - il-PR. Jidher ċar li s-sehem tagħna bil-klieb ta' tfittxija għal sustanzi tad-drogi, materjal splussiv jew armi tan-nar kien kontribut qawwi biex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jżomm riżultati tajbin minn spezzjonijiet li jsiru fejn tidħol is-sigurta` u organizzazzjoni tal-ajruport.

F'okkazzjoniet li kelli jien personali meta zort il-kollegi tiegħi waqt il-qadi ta' dan ix-xogħol, stajt nosserva r-relazzjoni sabiħa li teżisti bejn il-membri tagħna u l-ħaddiema kollha li jaħdmu ġewwa l-ajruport kif ukoll mal-pubbliku in ġenerali. Ma nistax ma nsemmix kif ħafna minn dawn il-ħaddiema jafu l-klieb tagħna b'isimhom u meta nitkellem magħhom indunajt li anke` għandhom il-kelb favorit tagħhom, biex ma nħallix barra ukoll li jkun hemm min anke xi naqra *treats* għall-klieb iġib miegħu. Dawn il-klieb ta' tfittxija fil-maġġoranza tagħhom għandhom karattru ferrieħi ħafna u jieħdu gost bil-prezenza tal-pubbliku. Ma nistax ma nsemmix wiċċ it-tfal u mhux inqas tal-kbar meta jiġu kuntatt ma' dawn il-klieb waqt il-qadi tax-xogħol tagħhom. Hija parti mis-sehem tagħna lkoll li jkollna din ir-relazzjoni sabiħa mal-pubbliku. Il-pubbliku meta jħoss din ir-relazzjoni sabiħa japprezza aktar is-sehem li aħna nagħtu u r-rispett lura jkun wieħed reċiproku. Meta nkun qed nsemmi l-pubbliku, inkun qed ninkludi wkoll in-numru kbir ta' turisti li niltaqgħu magħhom u li għalihom li zgur tkun esperjenza utli.




Dan l-apprezzament min-naħa tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta dejjem kien muri iżda waqt waħda mil-laqgħat li jsiru bejn l-uffiċjali responsabbli mis-sezzjoni tagħna u l-uffiċjali tal-ajruport, intweriet ix-xewqa li dan l-apprezzament jiġi muri bil-fatti. L-Ajruport Internazzjonali ta' Malta offriet donazzjoni sabiħa ta' apparat u materjali oħra li jgħinu fit-taħriġ kontinwu tal-klieb bħal *harnesses* professjonali lill-klieb kollha, ilbies protettiv u apparat ieħor kif juru ċar dawn ir-ritratti. Filwaqt li nirringrazzja 'l-uffiċjali tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għal din id-donazzjoni, nieħu l-opportunita` li nirringrazzja ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija li laqa` din id-donazzjoni b'apprezzament, l-uffiċjali responsabbli minn din is-sezzjoni u l-kollegi tiegħi kollha fi ħdan din it-Taqsima li nsejħilhom il-*front liners* biex dan l-apprezzament ikun wieħed li jibqa` jagħti l-frott fis-snin li ġejjin.

magazine.police@gov.mt

# *Card Fraud* – Nipproteġu il-*cards* tagħna mill-frodisti (It-Tieni Parti)

Mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla – *Economic Crimes Squad*

Fl-artiklu preċedenti rajna kif kriminali jistgħu jottjenu informazzjoni bankarja ta' individwi permezz ta' żewġ metodi msejħa *Lebanese loop* u *card skimming*. F'dan l-artiklu se naraw sitwazzjonijiet oħra fejn *card skimming* jista' jintuża, kif ukoll metodi oħrajn li bihom kriminali jistgħu jieħdu aċċess għall-informazzjoni bankarja tagħna.

### *Card Skimming* – Sitwazzjonijiet oħrajn

Għalkemm rajna każijiet ta' *card skimming* li jintużaw fuq ATMs, dan l-apparat ma jintużax biss fuq dawn it-tipi ta' magni. *Skimmers* u *camera-housing / PIN-pad overlay* jistgħu jitpoġġew wkoll ma' magni oħra awtomatiċi li jaċċettaw pagamenti permezz ta' kards bankarji, bħal per eżempju l-magni awtomatiċi f'pompi tal-petrol u magni li jintużaw biex inħallsu biljetti għat-transport pubbliku. Għalkemm f'Malta dawn it-tip ta' magni awtomatiċi li bihom nistgħu nħallsu permezz ta' *debit* jew *credit card* qegħdin jiġu introdotti biss riċentement, barra minn xtutna dawn il-magni huma komuni ħafna, u hija kważi n-norma li wieħed iħallas permezz ta' kard minflok bi flus kontanti, għal liema transazzjoni persuna trid tuża kemm il-kard kif wkoll il-*PIN number* tagħha.

Din is-sitwazzjoni tagħmilha idejali biex kriminali iwaħħlu l-apparat li semmejna biex jieħdu aċċess għall-informazzjoni bankarja li jkollhom bżonn.




Karti li ġieli jitwaħħlu mill-kriminali biex jiddeħrieġu in-nies biex jużaw l-ATMs fejn ikun hemm apparat ta' l-*iskimming* imwaħħal

Każ ieħor li iltaqjna miegħu anki f'Malta huwa meta kriminali waħħlu *skimmer* u *PIN pad* direttament mal-bieb tal-*lobby* tal-bank, b'awviż biex il-klijenti jgħaddu l-kard tagħhom minn *card reader* u idaħħlu l-*PIN number* biex ikunu jistgħu jiftħu l-bieb li jagħtihom aċċess għal ATM, u dan bħala miżura ta' sigurta' u iktar privatezza. Fir-realta' il-bieb tal-*lobby* qatt ma kien imsakkar.

### *Hand-held skimmers*

Għall-prezz ta' ftit flus minn fuq l-Internet, wieħed jista' jixtri wkoll apparat li nsibuh bħala *hand-held skimmer*. Dan l-apparat, li huwa żgħir biżżejjed biex jinħeba tajjeb fuq il-persuna, bħal per eżempju f'but ta' qalziet, jintuża' minn kriminali biex jikkuppjaw l-informazzjoni minn fuq il-*magnetic strip*, u fuq dan l-apparat stess tinħażen din l-informazzjoni.



Ritratt ta' *hand-held skimmer*

Ħafna drabi dawn it-tipi ta' *skimmers* jintużaw f'postijiet fejn il-vittma jkollha tagħti l-kard tagħha lil terza persuna u għal ftit mumenti titlaq il-kard minn taħt għajnejha. Sitwazzjonijiet bħal dawn niltaqgħu magħhom f'*restaurants* jew fi ħwienet fejn l-*Electronic Point of Sale* (EPOS) *machines* ikunu f'post li ma jkunx jidher mill-klijent, bħal per eżempju taħt il-bank tal-kaxxier, u li f'dawn il-każijiet il-kriminali ikunu nies bħal *waiters* u salespersons / kaxxiera, li xogħlhom ikun propju li jiġbru l-informazzjoni bankarja.

Wara, din l-informazzjoni misruqa tista' tintuża mill-

kriminali biex biha jagħmlu transazzjonijiet fejn il-*PIN number* ma jkunx meħtieġ, bħal per eżempju xiri minn ħwienet f'pajjiżi fejn għadhom ma bidlux is-sistema tagħhom għal EMV (Europay, Mastercard, Visa) jew kif inhi iktar magħrufha bħala *Chip & PIN*, kif se naraw iktar 'il quddiem.

### *Phishing*
Għalkemm tinqara *fishing*, *phishing* ma tinvolvix ħut, imma hija metodu fejn kriminal "jistgħad" għad-data personali tagħna, li tinkludi wkoll dettalji bankarji, permezz tal-kompjuter.

Il-kelma *phishing* tfisser dak l-att li bih persuni mhux awtorizzati jippruvaw jieħdu pussess ta' informazzjoni personali, bħal per eżempju *usernames*, kodiċi ta' dħul (*passwords*), dettalji tal-kards u *PIN numbers* billi jaħbu l-atti tagħhom wara *websites* li jidhru li jappartjenu għal kumpaniji jew entitajiet serji, meta firrealta' dawn is-siti jkunu mmexxija minn organizzazzjonijiet kriminali.

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, dawn it-tip ta' attakki millkriminali qegħdin jiżdiedu. L-iktar metodu użat biex isir *phishing* huwa permezz ta' komunikazzjoni elettronika f'forma ta' *email*. Għal dan il-għan, normalment il-kriminali jużaw diversi *software* speċjalizzati biex jibgħatu *bulk emails* lil firxa kbira ta' nies, u jaħbu (masking) is-*sender* tal-istess *emails,* u jibdlu dan is-*sender* biex jagħmluh jidher li jkun ġej minn xi entita' serja u affidabbli, bħal xi bank, *Paypal*, jew siti simili.

F'dawn l-*emails*, li normalment ikunu ndirizzati b'mod ġeneriku, tiġi ppreżentata storja li b'xi mod tqajjem interess f'min jirċieviha, bħal per eżempju, li saret transazzjoni mhux awtorizzata mill-kont tal-klijent, jew li l-istess kont ikun ġie *hacked*. Fl-istess storja, il-persuna tintalab biex tieħu azzjoni immedjata billi tidħol fil-*link* provduta fl-*email* ħalli l-"bank" jirranġa din is-sitwazzjoni. Immedjatament meta l-persuna tagħfas fuq din il-*link*, titla' *website* identika għal dik tal-organizzazzjoni li tkun qed tiġi użata, u minn hemmhekk tintalab informazzjoni bħan-numru talkard bankarja, id-data tal-iskadenza, l-*PIN number*, u dettalji oħra bħal numri ta' kontijiet bankarji, in-numru tal-karta tal-identita', indirizz, numru tas-Sigurta' Soċjali, data tat-twelid, u oħrajn.

B'dan il-mod, wieħed ikun għadda lill-kriminali, id-dettalji personali tiegħu kollha, u dan mingħajr il-ħtieġa li l-kriminali jirrikorru għal *skimming devices* jew affarijiet oħra.

### *Shoulder Surfing*
Tul dawn l-aħħar snin, qegħdin naraw każijiet bi kriminali jirrikorru għal tattiċi ta' *shoulder surfing* biex jieħdu dettalji bankarji. B'dan il-metodu, kriminal jieħu l-informazzjoni li għandu bżonn litteralment minn wara darhna.

Normalment attakk ta' *shoulder surfing* isir minn grupp ta' mhux inqas minn żewġ persuni. Dawn joperaw billi waqt li jkunu qed isiru transazzjonijiet mill-ATMs, jistennew fil-kju wara l-klijent li jkun qed jinqeda, jittawlu u jaraw il-*PIN number*. Fl-istess waqt, xi ħadd minnhom jaljena lill-klijent bid-diskors, mal-mument li l-kard tkun ħierġa mill-ATM, filwaqt li l-kompliċi jkun pront u jaħtaf il-kard. B'hekk dawn in-nies ikollhom f'idejhom kemm il-kard kif ukoll il-*PIN number*.

### X'isir mill-informazzjoni li tinġabar
Wara li rajna diversi metodi ta' kif kriminali jistgħu jieħdu d-dettalji bankarji tagħna, issa ħa naraw kif din l-informazzjoni tintuża minn organizzazzjonijiet kriminali.

B'din l-informazzjoni bankarja, il-kriminali jistgħu jagħmlu waħda minn tlett affarijiet – ibiegħu dik l-informazzjoni lil persuni interessati taħt forma ta' *information packages* magħrufin bħala *dumps*; jużaw dik l-informazzjoni biex direttament jiġbdu flus kontanti


PayPal The way to send and receive money online

Security Center Advisory!

We recently noticed one or more attempts to log in to your PayPal account from a foreign IP address and we have reasons to belive that your account was hijacked by a third party without your authorization. If you recently accessed your account while traveling, the unusual log in attempts may have been initiated by you.

If you are the rightful holder of the account you must **click the link below** and then complete all steps from the following page as we try to verify your identity.

Click here to verify your account

http://211.248.156.177/.PayPal/cgi-bin/webscrcmd_login.php

If you choose to ignore our request, you leave us no choise but to temporaly suspend your account.

Thank you for using PayPal!

Please do not reply to this e-mail. Mail sent to this address cannot be answered. For assistance, log in to your PayPal account and choose the "Help" link in the footer of any page.

To receive email notifications in plain text instead of HTML, update your preferences here.

PayPal Email ID PP697

Protect Your Account Info

Make sure you never provide your password to fraudulent persons.

PayPal automatically encrypts your confidential information using the Secure Sockets Layer protocol (SSL) with an encryption key length of 128-bits (the highest level commercially available).

PayPal will never ask you to enter your password in an email.

For more information on protecting yourself from fraud, please review our Security Tips at http://www.paypal.com/securitytips

Protect Your Password

You should never give your PayPal password to anyone, including PayPal employees.

*Phishing email* mibgħutha minn kriminali, biex tidher li ġejja minn Paypal

mill-ATMs; u jixtru prodotti u servizzi minn ħwienet jew minn sorsi oħra bħal ma hu l-Internet.

Jekk wieħed ifittex ftit fuq l-Internet, isib diversi siti li joffru għal bejgħ *dumps* għal prezzijiet varji skont it-tip ta' kards. Dawn l-istess siti joffru wkoll materjal u apparat li jintuża biex isiru dawn ir-reati.

Mill-banda l-oħra, permezz ta' apparat magħruf bħala *card reader / writer*, wieħed jista' joħloq kopja identika tal-kards li jkun irid, biex b'hekk ikun jista' jagħmel it-transazzjonijiet varji li jeħtieġ. Dan isir billi l-informazzjoni titpoġġa fuq kards oħra, liema kards jistgħu jkunu jew foloz, jew oħrajn li fihom xi forma ta' *magnetic strip* fuq wara, bħal per eżempju kards li jagħtuna l-lukandi biex nifthu l-bibien tal-kmamar, jew dawk ta' xi *supermarket* jew ta' xi ħwienet oħra.

B'hekk mal-mument li xi transazzjoni sseħħ b'dawn it-tip ta' kards, is-sid propju tal-kont bankarju li l-informazzjoni tiegħu tkun ġiet misruqa, jiġi ddebitat bl-ammont tat-transazzjoni, meta fir-realta' dan qatt ma jkun wettaq dan ix-xiri jew ġbid ta' flus.




Apparat magħruf bħala card reader / writer ukoll maqbud mill-pulizija Maltija

Fit-tielet u l-aħħar artiklu li jmiss, se nagħtu ħarsa lejn kif nistgħu nipproteġu ruħna minn dawn ir-reati u x'għandu jsir mill-pulizija meta jkunu qegħdin jinvestigaw dawn il-każijiet.

ian-joseph.abdilla@gov.mt

# Donazzjoni ta' apparat lill-Pulizija ta' Għawdex

Mill-Ispettur Frank Tabone - 10 PD




Matul ix-xahar ta' Settembru li għadda, kif jiġri ta' kull sena meta jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa jiġu jżuruna ġewwa l-gżira ta' Għawdex membri mill-Kumitat kontra l-qtil tal-Għasafar magħrufa bħala l-CABS, kif ukoll membri mil-fondazzjoni Ġermaniża favur il-Bijodiversita' magħrufa bħala l-SPA.

Kif jaf kulħadd dawn il-membri tal-CABS kif ukoll l-SPA jżuru dawn il-gżejjer sabiex josservaw u sabiex jipprevjenu l-kaċċa u l-insib illegali. Bħal ma ġara fi snin li għaddew din is-sena ukoll l-imsemmija membri ħadmu viċin il-pulizija ta' Għawdex fejn barra illi għaddew lill-pulizija diversi rapporti u informazzjoni fuq kaċċa u nsib illegali, kienu ukoll strumentali f'xi investigazzjonijiet li kellhom il-pulizija ta' Għawdex in konessjoni ma kaċċa u nsib illegali.

Din is-sena l-Membri tal-CABS kif ukoll tal-SPA għoġobhom illi bħala ringrazzjament tax-xogħol siewi li għamlu l-pulizija tal-ALE stazzjonati Għawdex kif ukoll l-pulizija tad-Distrett ta' Għawdex għamlu talba formali lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn offrew li jagħmlu donazzjoni ta' żewġ trombi *(binoculars)* kif ukoll żewġ kotba gwida fuq l-Għasafar *(Bird Guides)*.







Il-Kummissarju tal-Pulizija bi pjaċir laqgħa din it-talba mingħand l-membri tal-CABS u tal-SPA, fejn nhar is-26 ta' Settembru 2012 ċertu David Conlin bħala l-kap tal-iskwadra tal-CABS ġewwa Għawdex kif ukoll ċertu Roland Tischbierli li huwa s-CEO tal-SPA għaddew lis-Supretendent Simon Galea, żewġ trombi tal-għola kwalita' tal-għamla Steiner, kif ukoll żewġ kotba gwida *(guide books)* sabiex jintużaw mil-pulizija tal-ALE f''Għawdex kif ukoll mil-pulizija tad-Distrett ta' Għawdex.

Rigward din l-għotja nixtieq nirringrazzja f'isem s-Supretendent Simon Galea kif ukoll f'isem il-pulizija tad-Distrett ta' Għawdex lill-Kummissarju tal-Pulizija talli għoġbu jaċċetta din l-għotja mingħand il-membri tal-CABS u tal-SPA u kif ukoll talli għoġbu jgħaddi l-imsemmija oġġetti lill-pulizija ta' Għawdex. Nixtieq nirringrazzja ukoll lil istess membri tal-CABS u tal-SPA li għoġobhom joffru l-imsemmi apparat lill-pulizija tad-Distrett ta' Għawdex biex b'hekk ġew attrezzati aħjar u għalhekk inkunu nistgħu naħdmu u naqdu d-dmirijiet tagħna b'mod aktar effiċjenti.

Frank Anthony Tabone - Spettur
Distrett Nru. 10 (Għawdex)
frank.a.tabone@gov.mt

# Conseil Européen des Syndicats de Police

Organisation Internationale Non Gouvernementale au Conseil de l'Europe

This is the Final Resolution as adopted the the Executive Committee which met in Tirana (Albania) between November 2nd and 3rd, 2012 by all members of the European Council of Police Trade Unions (CESP)

The European Council of Police Trade Unions (CESP) – An international non-governmental organization (INGO) of the Council of Europe representing 350 000 police officers from 20 countries (13 of which are members of the European Union) grouping 21 unions – held its Executive Committee in Tirana on November 2nd and 3rd 2012

Due to the economical crisis all over Europe crime is increasing everywhere. CESP expresses its strong opposition to the austerity measures which plunge Europe into a deep economic stagnation or recession. These measures, far from restoring confidence and giving a light of hope to the citizens, only aggravate social imbalances, create more injustices and destroy the European social model.

At this moment, the police officers of the European countries in which the TROIKA (European Commission, European Central Bank and the International Monetary Fund) has intervened or is about to intervene are involved in the same fighting processes of their fellow citizens against a blind austerity.

The CESP Executive Committee supports entirely the DECLARATION adopted by the ETUC Executive Committee on their meeting of 17 October 2012 and mobilizes its 21 police unions to join the European trade union movement for a day of action and solidarity on the 14th November 2012, including strikes (law permitting), demonstrations, rallies and other actions in a manner allowing the widest possible participation of European Police Officers in their respective countries.

In this context of strong social tension the theme of the Executive Committee was:




***"Psycho-traumatic Situations in the Police Forces – Prevention and Reparation"***

**CESP members remind that:**

Police officers are permanently exposed, due to the nature of their work, to incidents characterized by unpredictability, by threats of danger for their physical integrity or by contact with death *(road accidents, shootings, suicides, homicides, etc.).*

Acts of violence at the workplace and traumatic events can cause significant impact on the psychosocial functioning level and even lead to post-traumatic stress disorder.

Psychologically, generated suffering may be so high that, following the development of this disorder, problems of anxiety, depression, and abuse of psychotropic drugs, divorce and even suicide among police officers may appear.

**CESP members ask for:**

**Confidentiality** the issue of confidentiality is very important; a police officer who seeks psychological help must feel protected and not exposed by his superiors. The success of such programs is based on the confidence of the police officers and his colleagues or counselors.

**Preventive action** including a training program, the teaching of effective strategies of stress management that would be specific to the work place and also exercises of simulation using a scenario *(visualization of a shooting, a fight, a familial difference, etc.)*
**Quick post-traumatic** support, provided by dedicated specialized services, as the type of
support immediately received after the trauma has an impact on the rapidity and the quality of the recovery.

**Assessment** of physical reactions to anxiety, of negative emotional reactions, of an acute stress disorder after trauma in order to identify more quickly persons likely to develop post-traumatic symptoms.

**CESP members recommend:**
The using of scientific tools to prevent and identify psycho-traumatic stress disorder in order to:

- It has to be considered by the police academies and schools that the dimensions of the psycho traumatic risks must be integrated in the initial training program, through a module of comprehension of mechanisms.
- Determine the relevance of offering psychological follow up or not,
- Help to decrease the intensity of post-traumatic reactions,
- Make the return to work shorter,
- Moderate the prevalence of this disorder in police organizations,
- Reduce costs related to this issue.
- Family members of the police officers affected should be involved in the program
- The total cost of the treatment should be covered by the government
- The mental health professional should show interest in the work of the police but be independent
- Counseling after a situation involving a high degree of anxiety should be mandatory
- Superiors should have a positive attitude towards psychological help. Psycho-Traumatic disorders should always be recognized by the authorities.

On behalf of the Executive Committee, I wish you and your families a Merry Christmas and a Happy New year.

# L-Iskwadra Mobbli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

minn PS 241 Nicky Farrugia – Skwadra Mobbli

Ftit inqas minn 36 sena ilu nħasset il-ħtieġa li tiġi ntrodotta l-Iskwadra Mobbli fil-Korp. Dan seħħ f'Novembru tal-1975 taħt it-tmexxija tal-Kummissarju s-Sur Enoch Tonna. Għalhekk ġew introdotti in-*night patrol officers*. Fil-bidu kienet taħdem matul il-lejl biss. Dak iż-żmien, meta f'pajjiżna kien kien għad hawn is-servizzi Ingliżi, kellhom enfasi partikolari fuq ħwienet tax-xorb, lukandi u *night clubs*.

Fil-bidu din l-iskwadra ġiet mgħammra b'żewġ vetturi - Ford Zephyrs u Austin. L-Austin kienet għall-użu tal-Ispettur u l-Ford Zephyrs kienu għal patrol. Ftit żmien wara ġew miżjuda Land Rovers tat-tip Safari. Wieħed seta` jinnota li din l-iskwadra bdiet tikber. L-iskwadra bdiet titmexxa mill-Ispettur Peter Cordina u kienet komposta minn żewġ Surġenti u tmien Kuntistabbli-jiet. Warajh, għal ftit xhur ħa t-tmexxija tal-Iskwadra l-Ispettur Alfred Abela iżda dan fl-1979, flimkien ma' uffiċċjali oħra tal-Korp ġew trasferiti għat-*Task Force* li kienet tagħmel parti mill-Armata.

Il-Kummissarju, Dr Lawrence Pullicino fl-1980 kompla jsaħħaħ l-iskwadra meta ġew mibdula u miżjuda l-vetturi. Filfatt inxtraw seba' Ford Cortina Mk 3 ġodda, u żewġ vannijiet tat-tip Toyota Dyna. Bejn l-1980 u l-1984 l-iskwadra mmexxija minn Surġent-Maġġur, kienet ibbażata fl-Għassa tal-Ħamrun u minn hemm kien isir id-dħul u l-ħruġ tar-rondi. Fosthom insibu lill-Maġġur Bellia, il-Maġġur Pietru SURNAME u l-Maġġur il-Magarru SURNAME. Wara l-Għassa tal-Ħamrun, il-*quarters* tal-Mobile ġew trasferiti għall-*MT Garage* flok dawk tal-SMU (*Special Mobile Unit*).






Bejn l-1984 u l-1986, l-Iskwadra għaddiet taħt it-tmexxija tal-Ispettur Lawrence Cutajar. Għal ftit żmien, l-iskwadra kienet taħt idejn l-Ispetturi Anthony Borg u Raymond Zammit, rispettivament. Fl-1984 inx-traw madwar ħmistax-il vettura tat-tip Ford Cortina Mk 5 *second hand* mill-Ingilterra, fejn disgħa minnhom ġew mogħtija lill-Iskwadra Mobbli. Il-vetturi ngħataw dehra differenti billi kellhom il-bibien, il-*bonnet* u l-bagoll blu u l-*mudguards* u s-saqaf abjad. Il-*beacon light* ġiet il-wisa` tas-saqaf kollu. Dawn il-vetturi baqgħu jagħtu servizz sal-aħħar tat-tmeninijiet.




Fl-1989 meta bħala Kummissarju kellna l-mibki s-Sur Alfred Calleja, bħal Kummissarju ta' qablu kompla jemmen fl-importanza ta' din l-iskwadra u kien ħatar lill-Ispettur Spiridione Bugeja bħala uffiċjal biex imexxiha. F'dan il-perjodu ġew mixtrija ħmistax-il vettura ġodda tat-tip Ford Sierra. F'dan iż-żmien kellna tibdil kbir, apparti li ġew mibdula l-uniformijiet minn dik kaki` għal dik li nużaw illum, il-vetturi ġew mibdula minn blu skur għal bojod kollha b'faxx blu mal-ġenb.

Fil-bidu dawn il-Ford Sierra ġew mgħammra bil-*beacon lights* li kellhom il-Cortina iżda fl-1992 il-*beacon lights* kienu ġew mibdula kollha għal dawk iżgħar u aktar moderni. Dawn il-vetturi li damu jintużaw sal-1995, kienu ġew mgħammra b'apparat bżonnjuż li wieħed jiġi bżonn meta jkun fuq ronda.




Fl-1995, l-Iskwadra Mobbli taħt it-tmexxija tal-Kummissarju, is-Sur George Grech, kompliet tissaħħaħ u l-vetturi żdiedu għal għoxrin meta ġew mixtrija d-Daewoo Espero. Għalkemm kellhom ċilindrata kbira, ma tantx kienu damu fl-iskwadra tagħna. Minħabba li kienu żdiedu l-ammont ta' vetturi, kienu ġew trasferiti madwar sittin Pulizija għall-Mobile.





Fl-1997, il-Korp kien xtara madwar erbgħin vettura tat-tip Alfa Romeo - għoxrin minnhom ġew mogħtija lill-Iskwadra Mobbli. Permezz ta' żewġ vetturi minn dawn ġiet introdotta l-Iskwadra Mobbli f'Għawdex. L-Alfa baqgħu jintużaw mill-Mobile sal-2005. Bejn l-2003 u l-2005 kellna ukoll vetturi tat-tip Skoda Felicia.

Fl-2005 meta l-Mobile Squad kienet immexxija mill-Ispettur Anthony Agius, il-Kummissarju preżenti, is-Sur John Rizzo introduċa għoxrin vettura tat-tip Ford Focus *hatchback*. Id-dehra ta' dawn il-vetturi kienet differenti minn dawk li jintużaw fid-distrett billi kienu saru żewġ faxex blu fuq il-bonett u l-*call sign* fuq wara u fuq il-ġnub, kif ukoll fuq is-saqaf sabiex f'każ ta' xi biċċa xogħol ikun viżibbli minn helikopter. Dawn il-vetturi baqgħu jintużaw sal-2008. Lejn l-aħħar tal-2007 reġgħet inħasset il-ħtieġa li l-vetturi kollha tal-Mobile jerġgħu jinbidlu u dan seħħ billi f' Marzu tal-2008 il-vetturi inbidlu għal dawk tat-tip Ford Focus Saloon. Il-vetturi reġgħu ħadu dehra differenti billi kienu ġew introdotti tip ta' stickers mal-ġnub u fuq wara tal-vettura sabiex ikunu aktar viżibbli għal xufiera oħrajn.

Fl-2010, l-iskwadra ġiet mogħtija Ford Focus bħala rikonoxximent tal-ħidma mwettqa mill-membri tagħha fl-attentat ta' *hold-up* fuq il-kwartieri tal-HSBC f'Ħal Qormi, liema attentat ġie sfrattat bl-intervent f'waqtu mill-membri tal-Mobile u wassal ukoll għall-proċeduri fil-Qrati. Din ma kinetx l-ewwel okkazzjoni fejn l-Iskwadra tagħna kienet strumentali biex tkisser ċrieki ta' kriminalita`. B'hekk l-Iskwadra ġiet komposta minn wieħed u għoxrin vettura.




Fl-2011 reġgħet inħasset il-ħtiega li l-vetturi jinbidlu, dan kawża tal-ammont ta' kilometri li l-vetturi jagħmlu. F'Mejju tal-2012 fuq inizjattiva personali tal-Kummissarju Rizzo flimkien mal-Ispettur Anthony Agius, il-vetturi kienu mibdula u miżjuda biex minn wieħed u għoxrin

jitilgħu għal tnejn u għoxrin. B'dehra kompletament differenti għall-ewwel darba l-vetturi tal-Mobile kellhom kulur silver bi stickers blu ċar, *beacon lights* moderni, radios u b'arja kundizzjonata u dan sabiex ikunu l-istess bħal dawk ta' pajjiżi Ewropej. Filfatt il-vetturi tagħna huma simili għal dawk użati mill-Pulizija Ġermaniża.

Il-vetturi jintużaw fuq bażi ta' tmien sigħat ronda u tmien sigħat mistrieħ, b'hekk kull vettura tagħmel madwar ħamest elef kilometru fix-xahar jew sittin elf kilometru f'sena. Jekk wieħed jagħmel ftit kalkoli wieħed jara li fl-aħħar erba' snin l-iskwadra għamlet ftit inqas minn ħames miljun kilometru u sa mill-bidu nett mit-twaqqif tal-iskwadra l-vetturi jiġu mibdula kull ħames snin.

L-irwol tal-Iskwadra Mobbli huwa ta' ronda speċjalizzata, f'kull ħin tal-ġurnata, dejjem għal lest u għal dak li jista' jinqala' u hija l-Iskwadra l-aktar mgħajta, kull fejn ikun hemm bżonn l-assistenza fil-pront jew sitwazzjoni ta' rinforz. Tal-inqas issib vettura tal-Mobile f'kull distrett għal dak li jista' jinqala' fil-viċin. F'kull vettura issib żewġ Pulizija. Il-*patrol* minn din l-Iskwadra tissaħħaħ fiż-żmien li fil-pajjiż ikunu qed isiru xi attivitajiet fosthom il-festi tal-Milied u dawk tal-Għid, dan billi jiġu trasferiti b'mod temporanju numru ta' Pulizija oħra minn sezzjonijiet differenti. Dan iseħħ sabiex it-toroq tagħna jkunu mgħammra b'aktar rondi. Wieħed isib li tal-inqas f'kull *watch* ikun hemm seba' vetturi fuq ronda.

Il-membri tal-Iskwadra huma mħarrġa biex iġorru fuqhom armi tan-nar, kif ukoll ilbies protettiv. Mill-bidu nett tagħha, l-uffiċjali kienu dejjem iġorru arma tan-nar - fil-bidu dik Webley u wara ż-żmien l-[i]Smith and Wesson.

Illum il-Pulizija huma armati b'arma aktar moderna – dik tat-tip Glock. Dan l-aħħar din is-sezzjoni ġiet fornuta wkoll b'*taser guns* tat-tip X.26 li kapaċi jwaqqfu persuna vjolenti bl-inqas ħsara possibbli, kif ukoll b'*shot guns* tat-tip Benelli. Kull vettura tal-Mobile hija mgħammra b'*data track* illinkjata mal-Control Room u li biha f'kull ħin ikunu jafu fejn jinsabu l-vetturi li jkunu fuq ronda, b'hekk permezz ta' din is-sistema l-Control Room tkun tista' tara fejn tkun l-eqreb vettura biex tassisti f'każ t'emerġenza u bil-GPS biex wieħed isib it-toroq fl-iqsar ħin.

L-obbjettiv tal-Iskwadra hu li jagħti assistenza lill-pubbliku fl-iqsar ħin possibbli minn meta tidħol it-telefonata fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Ir-rapporti jvarjaw minn alarms f'residenzi, fabbriki, ħwienet u banek għal ġlied, rewwixti u kif ukoll inċidenti tat-traffiku. It-trazzin ta' serq vjolenti minn fuq il-persuna jew minn ġo propjeta` huwa ta' importanza kbira għax l-għan huwa wieħed-li tiġġieled il-kriminalita` u tressaq quddiem il-ġustizzja lil dawk li jagħmluha. L-Iskwadra tagħna tagħmel enfasi wkoll fuq ronda speċjalizzata ma' ħwienet ta' kull tip u xorta, pompi tal-petrol, żoni industrijali, kummerċjali u residenzjali li huma l-aktar fil-mira tal-kriminalita`. L-Iskwadra tagħmel ukoll rondi f'diversi ħinijiet ma' persuni indikati li jkunu taħt theddid.

Tul dawn l-aħħar snin din l-Iskwadra kienet immexxija minn diversi uffiċjali fosthom Peter Cordina, Alfred Abela, Lawrence Cutajar, Anthony Borg, Pawlu Sammut, Raymond Zammit, Spiridione Bugeja, Antoine Casha, Pawlu Vassallo, Walter Spiteri, Anthony Cassar, Silvio Valletta, Stefan Mallia, Morgan Azzopardi, Anthony Agius u fil-preżent l-Ispettur Antoine Cilia. Ilkoll kemm huma ħadmu biex din l-Iskwadra tkompli tikber u tissaħħaħ kif filfatt ġara. Kull Kummissarju u uffiċjal inkarigat minn din l-Iskwadra emmen fis-sħiħ fl-importanza tagħha u kien propju dan li għen sabiex l-Iskwadra kompliet tikber. Dan jidher mill-fatt li minn tliet vetturi fl-1976 ġew miżjuda għal ħamsa sal-1979, sebgħa sal-1984, disgħa sal-1989, ħmistax sal-1995, għoxrin sal-2010, wieħed u għoxrin sal-2011 u tnejn u għoxrin sa llum.

L-Iskwadra tal-Mobile taħdem id f'id mas-Dipartiment CID u dan sabiex tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalita'. Qabel kull *watch*, il-membri tal-Iskwadra jiġu mogħtija struzzjonijiet u informazzjoni fuq vetturi rrappurtati misruqa, rondi frekwenti eċċ.

L-Iskwadra Mobbli taqa` direttament taħt ir-responsabbilita` tal-Kummissarju, tal-Assistent Kummissarju, is-Sur Pierre Calleja, is-Supretendent Silvio Valletta u l-Ispettur Antoine Cilia. Fil-preżent din l-Iskwadra hija komposta minn tmien Surġenti u tmenin Kuntistabbli li lkoll flimkien jaħdmu bla waqfien biex ikomplu jsaħħu dak li bnew ta' qabilhom u dan b'mertu għalihom u għal kull membru f'din l-Iskwadra li lkoll taw il-kontribut tagħhom. B'dan il-kontribut, l-Iskwadra Mobbli għamlet suċċess, għadha tagħmel suċċess u tibqa' tagħmel dak kollu possibbli biex isimha jibqa' għal dejjem fuq quddiem nett fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija. Korp li jixraqlu l-aħjar għal ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Domine Dirige Nos
magazine.police@gov.mt

# Il-Forti Sant' Iermu u l-Eroj tal-Assedju

mis-Surġent-Maġġur 1199 Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija



Jingħad li r-Rumani kienu jgħidu li l-Istorja hija l-imgħallma tal-ħajja, għax mill-ġrajjiet tal-imgħoddi nistgħu nisiltu tagħlima għal żmienna u għal li ġej. Jemmnu li min ma jafx l-istorja ma jistax jifhem tajjeb iż-żminijiet tiegħu. Fi kliem ieħor, min ma jifhimx fl-imgħoddi, la jifhem il-preżent u lanqas il-futur. Kienu jisħqu li nies li qegħdin fil-ħajja pubblika jew li bi ħsiebhom ikunu, għandhom ikunu kolti u edukati biżżejjed f'dan is-suġġett. F'aspett ieħor, niltaqgħu ma' nies ta' ftit skola li jafu xi ħaġa mill-istorja, mill-qari ta' rumanziera Maltin li bil-kitbiet tagħhom riedu jilħqu lil dawn in-nies u jwasslulhom l-istorja abbażi ta' dawn il-prinċipji. Fosthom hemm Ġużè' Muscat Azzopardi u Ġużè' Galea. Dawn kienu jagħżlu suġġetti storiċi mħallta mal-fantasija u affarijiet mistħajla biex jolqtu lil qarrejja tagħhom waqt li kienu jibqgħu jiftakru ġrajjiet mill-istorja ta' pajjiżna u jtejbu l-livell edukattiv u kulturali.

F'din l-edizjoni, l-istorja ser toħodna lura lejn żmien l-Assedju tal-1565, storja bbażata fuq wieħed mill-aktar fortifikazzjonijiet importanti li nbnew mill-Kavallieri bħala sistema ta' difiża. B'nostalġija nemmen li għal madwar 25 sena konna privileġġati li kellna dan il-post storiku għat-taħriġ tagħna bħala Akkademja. Kull ġebla jew forma ta' struttura; minn rokna għal medda ta' spazju, veduti saħansitra graffiti u nsinji reliġjużi kollha jattribwixxu għar-rikkezza ta' dan il-monument tal-istorja. Ma ngħidx li hu biss tagħna l-Maltin, iżda wirt tal-umanita`. Grazzi għal dawk li taw sehemhom fil-bini u dawk li ssieltu ġo fih, kif ukoll dawk li preżentement b'għaqal u professjonalita` qed jirrestawraw dan il-ġojjel sabiex jerġa' jkun fl-aspetti oriġinali tiegħu, waqt li tiġġedded l-eżistenza fiżika tiegħu; li xejn ma kienet tidher waħda feliċi, kawza ta' diversi fatturi fosthom ħsarat naturali. Bis-saħħa t'hekk finalment ser ikompli jidgawda mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

L-art fejn hija mibnija l-Forti kienet popolarment magħrufa bħala l-Għolja Sciberras (għalkemm kellha ismijiet oħra). F'dawk iż-żminijiet din il-biċċa art kienet tagħmel parti (fl-estrem) mit-territorju tal-parroċċa ta' Ħal Qormi. Minħabba li dan il-post, kien wieħed strateġiku, fl-1488 missirijietna kienu bnew torri tal-għassa biex jiddefendu l-port. B'hekk nafu li qabel ma nbena l-Forti, kien diġa` jeżisti torri għad-difiża, mibni f'tarf dawn l-inħawi. Aktar lejn l-Assedju l-Kbir tal-1565, il-Forti kien diġa` strutturalment fl-aqwa tiegħu. Minnu l-qalbiena antenati tagħna ddefendew b'erojiżmu lil Malta minn dik il-qilla Ottomana, komposta minn Torok u Misilma li f'dawk iż-żminijiet kienet fl-aqwa tagħha. Dawn barra li riedu jiksbu gżiritna għal raġunijiet ovvji, kellhom għan importanti ieħor, li jxejnu l-fidi Nisranija - l-għeruq tagħha kienu wisq l-isfel u fil-fond. Kienu ukoll dawn il-fatturi li għamlu l-Maltin determinati b'ruħhom u ġisimhom sabiex ma jħallu lil ħadd jisraq u jxejjen dik l-identita` u dinjita` li kienet laħqet trawmet.

Dan kien perjodu ta' biża` u qtiegħ il-qalb, l-aktar minħabba li Malta kienet għadha kif rat telfa Nisranija sseħħ fl-1560 f'Ġerba. Ma' dan kienet qed tasal ukoll l-informazzjoni, permezz ta' spiji Nsara fit-Turkija, li kien qed jinħema assalt kbir fuq il-gżejjer tagħna. Is-Sultan Tork Soliman il-Kbir, jingħad li kien ilu jaħlef li jeqred darba għal dejjem lill-Ordni li tant kienet qed jagħtih fastidju. Għalhekk kellu l-ħsieb li jwettaq attakk kbir, bil-ħsieb li jieħu l-Malta taħt idejh. Dan seħħ hekk kif fis-sajf tal-1565, bejn Mejju u Settembru, Malta ġiet assedjata mit-Torok f'tentattiv



qawwi sabiex jirbħu. Malli mill-ixfar orizzontali tal-ibħra Maltin dehret il-flotta Torka riesqa lejn pajjiżna, mingħajr telf ta' żmien in-nies tal-kampanja rħewla sabiex ifittxu kenn wara s-swar tal-Birgu, l-Isla u l-Imdina. Mal-wasla tagħhom it-Torok kienu ħallew ix-xwieni tagħhom fil-port ta' Marsamxett; għamlu l-kampijiet tagħhom fil-Marsa u immedjatament bdew l-attakk aħrax fuq Sant' Iermu.

### L-Eroj Dun Gioannello Cilia

Minħabba li l-Forti Sant' Iermu kien jagħmel parti mit-territorju ta' Ħal Qormi; il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġwann Cilia ħass li biex iwettaq il-missjoni tiegħu bħala ragħaj, is-siegħa tal-prova tiegħu kienet waslet u b'mod erojku ħa postu fuq quddiem mal-gwardji ta' Sant' Iermu. Prattikament dawn is-suldati issa kienu saru parti mill-parruċċani tiegħu u eventwalment hu kien responsabbli mill-affarijiet spiritwali tagħhom. Kif kienu mitluba li jagħmlu, in-nisa, it-tfal u x-xjuħ kellhom imorru jistkennu f'xi foss jew wara s-swar u għalhekk dawk ta' Ħal Qormi kellhom imorru fl-aktar fortizza qrib u li kienet ukoll parti mit-territorju tagħhom – Sant' Iermu. Ġara, li minħabba li ndunaw li t-Torok kienu ser jassedjaw hemm, il-Gran Mastru La Valette ordna sabiex jiġu evakwati u jittieħdu l-Birgu u l-Isla. F'Sant' Iermu kellhom jibqgħu biss dawk li kellhom jiddefendu. X'aktarx li l-Kappillan Cilia kien mar ukoll ma' dawn il-parruċċani fil-foss ta' Sant' Iermu; għalhekk iddeċieda li jħalli lil dawn u jibqa' mat-tajfa ta' difensuri fil-Forti. Kif tgħidilna l-istorja, Sant' Iermu kien l-ewwel post li kien ġie attakkat u assedjat. Wara difiża erojka ta' madwar xahar ċeda u dawk li kienu hemm biex jiddefenduh fil-biċċa l-kbira tagħhom mietu lkoll jaqdu dmirhom lejn pajjiżhom. Fost dawk l-eroj qatt minsija kien hemm ukoll il-Kappillan Cilia, li skont xi xhieda kien tassew qalbieni u issielet sider ma' sider, bl-ixkubetta mat-Torok. Farraġ ukoll lil dawk midruba waqt id-difiża. Intqal ukoll li ma kienx qgħad għal offerta li kellu mingħand wieħed barklor li ried jieħdu bid-dgħajsa tiegħu l-Birgu sabiex jeħilsu minn ħalq il-mewt. Għażel li jibqa' fit-taqtigħa sal-aħħar. Wara l-waqa' ta' Sant' Iermu ntqal li kienu raw il-ġisem tal-Kappillan qrib Sant' Anġlu fil-Birgu, imewweġ f'wiċċ il-baħar b'rasu maqtugħa. Ħu ddokumentat li l-kadavru intgħaraf minn marka li kellu f'sieqU. In-nuqqas tiegħu wassal sabiex l-awtoritajiet tal-Knisja kellhom jiftħu proċess mhux tas-soltu, sabiex jinħatar kappillan ieħor għall-parroċċa ta' Ħal Qormi. Parti minn dan il-proċess kien jikkonsisti fi ġbir ta' xhieda li setgħu kienu viċin tiegħu u ma' oħrajn li ġabru l-kadavru minn wiċċ il-baħar u dawk li għarfuh. Xhieda oħra mportanti kienet tas-sagristan. Dan kien irrakkonta li l-Kappillan kien għarrfu b'kollox dwar id-deċiżjoni li kien ħa; kien taħ l-imfietaħ tal-knisja u talbu wkoll sabiex fl-assenza tiegħu jieħu ħsieb ċertu affarijiet ġewwa l-knisja. Is-sagristan ma naqasx milli jaħrab xi ħarba sa ħdejh f'Sant' Iermu biex itarraflu ċertu affarijiet li kien jinħtieġlu jgħidlu dwarhom.

Fl-aħħar mill-aħħar, it-Torok ma setgħux jirbħu l-fortizzi l-oħra. Filfatt il-Birgu, wara l-Assedju ingħata l-isem ta' Vittoriosa u tal-Isla Invicta, ismijiet li jikkonotawhom f'ibliet "rebbieħa". Fis-7 ta' Settembru, wara li waslet l-għajnuna minn Sqallija ta' madwar 7,850 raġel, it-Torok qabdu x-xwieni tagħhom u marru lura lejn pajjiżhom. B'din ir-rebħa, Malta saret tarka tal-Kristjanezmu u t-Torok ma reġgħux resqu aktar 'l hawn.

Permezz tal-istorja kull min iħoss li għandu demm artna, għandu jkun kburi b'dawn l-eroj li ġġieldu u taw ħajjithom għal dak li emmnu u ħabbew, bħal ma' kien Dun Ġwann Cilia, li flimkien ma' parruċċani tiegħu u oħrajn minn irħula oħra ta' gżiritna; waqt is-siegħa tal-prova urew lid-dinja min fil-verita` kienu u x'kienu lesti jagħmlu għad dinhom u għal art twelidhom.

joseph.q.borg@gov.mt

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

Super Gold Jewellers

The Commissioner Of Police
Police General Headquarters
Floriana

15th October, 2012

Dear Sir,

Re: Hold up at my premises in Bugibba.

I am writing personally to you as Commissioner to show my appreciation for the very good work performed by members of the police force in connection with hold up at my premises in Bugibba on Thursday 11th of this month.
I felt that I must make this official and would like to commend police officers who were involved in solving this crime in a very short time and with the utmost efficiency. In this respect I bring to your attention namely Inspector James Grech and Inspector Edmond Cuschieri and PS 914 Ivan Mifsud from Qawra police Station and all the other members in their team, who were instrumental in the rapid recovery of goods stolen during the said hold up. I was impressed with the way they handled the situation. In my opinion, they acted very professionally.
While thanking you for your time, I feel that I must again show my appreciation to you and all the members of your force for the good work performed in order to make our lives more safe and give us more peace of mind.

With Kindest Regar...

... Ciantar
Managing Director

Super Gold Enterprises Limited...
E - info@supergoldjewellers.co...

---

Dear Inspector Gafa,

I wish to thank you for your professionalism and service yesterday during my interview/arrest.

I have to be honest I was not expecting it. In fact the plan was that I was going to submit a prepared statement and shut up. However, things went differently and ultimately I think for the better.

Once again thank you for your professionalism. I just wish most of your colleagues would follow such examples as we would really be proud of our Police Forces.

---

Mr John R...
Kummissa...
Kwartieri ...
Floriana

Għażiż Sur ...

Nixtieq għan...
wetqu wara l...
Anthony Sceri...
persuna li agg...

Mill-ġdid nirri...

Inselli għalik

---

**CMRU at POLICE**

**From:**
**To:** CMRU at POLICE
**Cc:** Anna Grech; Isabella; Zammit Raymond G at ...
**Subject:** Mosta Youth Empowerment Centre
**Attachments:**

Dear Sir/Madam

I would like to thank you and the staff of the Police... demonstration given to the youth members of the Mo... youth members that attended the outing enjoyed the...

Thank you

Mosta Empowerment Y...

---

To: Police Inspector, Depo

Cc: W.P.C 138, P.C 497, P.C 16 and P.S 353

From: Mr. Borg

Date: 21st September 2012

Mr. Borg wishes to show his gratitude regarding police co-operation on Saturday 21st July 2012. During that day, my car was stolen and the police were able to carry out their job in a very effective and professional manner.

My appreciation goes to W.P.C 138, P.C 497, P.C 16 and P.S 353 who were vital i... helping me and my family to find my car and the person who stole it. Such co-operati... enhances us to have more faith in the justice system and to further value the work of the police.

Whilst thanking you once again, we remain,

---

Dear Insp Zammit,

On behalf of the Seminary administration, staff and students, we wou... opportunity you gave us this morning of having Sir Decelis with us.

He delivered two sessions of 1hour and 15min each with great inter... students were really engaged all the way.

After the sessions, many teachers went to talk to our headmaster a... needed and how the students reacted, and it was all positive.

We would like to thank you for your great help and support, an... hard work you do.

Kind Regards,

---

**Sent:** 06 September 2012 14:04

**Subject:** Just a note of appreciation

Supt A. Mamo.

Last Monday, during the time of inclement weather, I needed the assistance of the Police, on account of the influx of rainwater from the two apartments overlying my residence at Floriana.

I would like to show my family's and my appreciation for the valuable assistance provided by PC 183 Garzia Daniel, PC 866 Attard George, PC 697 Apap Nigel and PC 784 D. Buhagiar, during the time of distress. They acted rapidly and thanks to them, the owner of the overlying flats was called on site and was obliged to remedy the problems caused. I have also noticed the professional way by PC Buhagiar who made it a point in the report to commit the owner of the two flats from where the damage was caused, to oblige himself to make good for the necessary repairs.

May I ask your kind intervention to convey my thanks and appreciation to the four officers involved for their dedication, support and understanding.

Thanks and regards

---

## Recognition of brav...

A number of persons showed bravery in the recent flooding of streets endangering many people's lives.
I do not believe I have seen in the media any report regarding two police officers who risked their lives to save that of two men whose car was submerged and sinking fast in Sta Venera.
Indeed, Police Superintendent Stephen Gatt and Police Officer Walter Sheldon came out of their car to help the two drowning men who would not be with us today had they not been helped by the two officers. These were themselves carried away for a long distance by the surging waters.
As I write this letter, Officer Walter Sheldon is in hospital re-

...izzo
...ju tal-Pulizija
...enerali tal-Pulizija

...izzo

...-nom tiegħi u għan-nom ta' missieri u ommi nizzingrazzja lill-pulizija għax-xogħol li ... ommi ġiet misruqa madwar xahrejn ilu. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali PS 1098 ... l-Ispettur Fabrian Fleri u l-Isupretendent Alexandra Mamo li ħadmu u arrestaw il-... edixxa lil ommi f'temp ta' sagħtejn biss.

...grazzjak lilek u l-pulizija li ħadmu fuq il-kas ta' ommi.

**Sent:** Sun 26/02/2012 20:04
...OLICE

... Dogs section for the talk, showaround and ...sta Youth Empowerment Centre. All of the ...nselves immensely.

**ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION**
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
email: kimberley.sjaf@gmail.com
Tel. 21808981; 21809011; 27672367
www.antidemalta.com
*Registration number:* VO/0005

28 ta' Settembru 2012

**Cyber Crime Unit**
**Malta Police Force**
**Police General Headquarters**
**Floriana CMR 2000**

Għeżież,

F'isem il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida, organizzazzjoni mwaqqfa mis-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida b'kollaborazzjoni ma' lajċi, nixtiequ nuri l-apprezzament tagħna lejkom tal-ko-operazzjoni u tas-servizz li offrejtulna sabiex il-programm tas-sajf Smiling Kids 2012 seta' jkun suċċess.





Il-Mulej, li qalilna li kull ma nagħmlu ma' l-inqas fost ħutna nkunu qiegħdin nagħmluh Miegħu, jgħin lilkom wkoll fil-ħtiġijiet tagħkom.

Nixtieqilkom il-ġid, il-paċi u l-ferħ fil-post tax-xogħol u fil-familji tagħkom.

Mill-ġdid nirringazzjak u nwiegħduk it-talb tagħna.



Tislijiet,

Social Worker
Co-ordinator

...ld like to thank you for the

...est, very professionally and

...bout how much the session was

...l well done for your outstanding

**From:**
**To:** CMRU at POLICE
**Cc:**
**Subject:** Socjeta Maltija tal-Ortikultura
**Attachments:**
**Sent:** Thu 24/05/2012 09:03

Ghaziz Sur Kummissarju,

Grazzi hafna tal-koperazzjoni kollha tieghek ta' nhar is-Sibt tal Jazz Band u l-Hadd tal-wirja tal-klieb mill korp tal-Pulizija gol wirja taghna li kienet fil 5 u 6 ta' Mejju go San Anton u kienu apprezzati minn kullhadd li kienu prezenti fostom il-Prim Ministru u l-Ministru Pullichino kif ukoll Dr Joseph Muscat.

Grazzi mill-gdid.

Inselli ghalik.

...work,

To whom it may concern,

With this email, I would like to thank you all for your time and dedication. Animal Awareness day at school was a success. Even with regards to the visit to the kennels, the boys were really excited and when they saw the display from Nando and Sheila, they couldn't stop talking about them.

A special thanks goes to Sergeant Matthew Attard who was very helpful and gave out an interesting talk about the importance of animals in their work.

We appreciated all your help

Best Regards

## ...very

...covering from the ordeal.

I believe that a Police medal for bravery is due in this case.

If I may add a suggestion: can police vehicles be equipped with life-jackets and rope to be prepared for such occasions?

*Swieqi*

# Sezzjoni tal-Klieb – Klieb tad-Drogi

PC 1182 Christopher Formosa – Sezzjoni tal-Klieb

Merħba ħbieb, nilqagħkom għal darb'oħra f'din ir-rokna ddedikata lis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Fl-aħħar edizzjoni l-kollega tagħna kellimna fuq il-klieb li jfittxu l-isplussiv u għalhekk f'din l-edizzjoni jmiss issa li ngħidu xi ħaġa dwar dawk il-klieb illi jiġu mħarrġa jfittxu n-narkotiċi, jew kif inhuma aħjar magħrufa, bħala l-klieb tad-drogi.



Qabel nibda nispjega parti mill-proċess ta' kif isir dan it-taħriġ, nixtieq l-ewwel nirrispondi żewġ domandi li niltaqgħu magħhom regolarment kemm min-naħa tal-pubbliku, kif ukoll mingħand sħabna l-Pulizija stess. Dawn huma; x'inhi raġuni li kelb kapaċi jxomm aktar mill-bniedem, u vera li klieb imħarrġa għad-drogi jiġu dipendenti għall-istess droga?

Dwar l-ewwel domanda huwa impossibbli li nispjega kollox f'żewġ paġni għax dwar kif inhi komposta l-anatomija ta' imnieħer il-kelb u kif taħdem is-sistema tax-xamm hija naqra kumplikata mhux ħażin, għalhekk nieħu l-opportunita` biex nispjega xi affarijiet bażiċi minn dan il-fatt. Meta wieħed jikkumpara l-istruttura ta' moħħ il-kelb ma' dik tal-bniedem wieħed jara li hemm ħafna xebħ bejn it-tnejn iżda meta wieħed iqabbel id-daqs isib li l-moħħ tal-kelb huwa madwar għaxar darbiet iżgħar minn dak tal-bniedem. Iżda meta wieħed iqabbel id-daqs ta' dik iż-żona fil-moħħ li hija ddedikata għax-xamm magħrufa bħala l-*orfactory bulb*, wieħed isib li dik tal-kelb hija erba` darbiet akbar minn dik tal-bniedem uman u għaldaqstant moħħ il-kelb huwa erbgħin darba aktar iddedikat għax-xamm minn dak tal-bniedem. Dan hu riżultat tal-evoluzzjoni fejn il-bniedem sar janalizza u jinterpreta l-informazzjoni permezz tal-kliem u sensi oħra bħal vista, filwaqt li l-kelb tejjeb is-sistema tax-xamm u s-smigħ. Eżempju ċar nistgħu narawh meta persuna tidħol f'xi post għall-ewwel darba fejn din takkwista l-informazjoni billi tispezzjona l-post b'mod viżwali filwaqt li kelb l-ewwel ħaġa li jagħmel huwa li jerfa' mnieħru u jibda jxammem sabiex b'hekk iġib dik l-informazzjoni neċessarja.




Dwar it-tieni domanda, nixtieq nagħmilha ċara li l-ebda kelb ma jingħata droga u l-ebda kelb ma jkollu kuntatt dirett mad-droga f'ebda stadju tat-taħriġ. Il-metodu tat-taħriġ li jintuża kemm fid-droga u fl-isplussiv huwa bażikament l-istess, u għalhekk, bl-istess argument, kelb li jfittex l-isplussiv, jingħata jiekol xi biċċa TNT? Naħseb ir-risposta toħroġ waħida.

Meta niġu biex nitkellmu dwar it-taħriġ ta' dawn il-klieb tajjeb li nifhmu li dan il-proċess kollu għal klieb kemm tad-droga kif ukoll tal-isplussiv huwa kollu logħba u għalhekk dawn ma jafux li jkunu qegħdin ifittxu xi ħaġa illegali jew perikoluża u għaldaqstant, tajjeb li wieħed jenfasizza fuq il-punt li l-klieb ma jmissu qatt il-materjal.



Hekk kif jiġi magħżul il-kelb li jkun ser jibda t-taħriġ, tibda l-ewwel fażi ta' din il-logħba fejn hawn tinħoloq assoċċjazzjoni bejn ir-riħa li rridu li l-kelb ifittex u dik ix-xi ħaġa li kelb iħobb, bħall-ballun. Permezz ta' dan, il-kelb jiġi mgħallem li kull meta jxomm dik ir-riħa partikolari, din tirriżulta f'ballun. Il-proċess li jiġi wara hu ftit aktar elaborattiv għax hawnhekk il-kelb jiġi mgħallem li sabiex jieħu l-ballun il-kelb, irid ipoġġi jew jiċċassa quddiem dik ir-riħa għal perjodu ta' ħin. Din it-tip ta' indikazzjoni tissejjaħ passiva għaliex il-kelb ma jitħalliex imiss l-oġġett. F'din il-fażi jiġu introdotti diversi metodi ta' kif dan iseħħ u tajjeb li wieħed jgħid li huwa importanti li waqt dawn it-tip ta' eżerċizzji wieħed irid inaqqas kemm jista' jkun l-irwejjaħ l-oħra minn mal-materjal bħal kontaminazzjonijiet tan-nies, oġġetti jew annimali oħra.

Meta l-kelb jitgħallem jindika b'mod tajjeb fuq dik ir-riħa, jibdew jiġu ntrodotti diversi affarijiet fit-tfittxija bħal għamara, storbju, vetturi, nies u għoli. Dawn jibqgħu jestendu sakemm il-kelb ikun kapaċi jfittex f'ambjenti differenti bħal vetturi, żoni fil-miftuħ, ajruport, bagalji, lukandi eċċ. Hekk kif il-kelb jilħaq dan il-livell, dan ikun jista' jiġi ntrodott irwejjaħ ta' sustanzi differenti li jkunu għad-dispożizzjoni tagħna. Ovvjament dan il-proċess jidher sempliċi iżda fir-realta` dan il-proċess ivarja skont il-kelb u skont il-ħin li jkollok allokat għalih.



Meta niġu għax-xogħol vera għat-tiftix tad-droga hemm diversi aspetti li nixtieq li nitkellem dwarhom. L-aktar aspett importanti hu meta aħna niġu msejħa biex infittxu f'xi post partikolari. Ta' min wieħed jifhem li fil-maġġoranza tal-każijiet fejn niġu msejħa aħna biex infittxu bil-klieb, aħna niġu wara li l-kollegi tagħna jkunu diġa` fittxu l-post kollu u għalhekk aħna nissejħu biex it-tfittxija tkun aktar intensiva. F'dan l-eżempju msemmi ma jkun hemm ebda problema, għalkemm jibqa' l-fatt li l-aħjar jibqa' kollox kif inhu, iżda l-problema tinqala' meta f'ċertu sitwazzjonijiet fejn tinstab id-droga, dak il-Pulizija li jkun sabha jibqa' jfittex f'dak il-post u permezz t'hekk ikun qed jikkontamina l-oġġetti kollha li jmiss. Din is-sitwazzjoni tagħmilha ftit diffiċli kemm għal kelb kif ukoll aktar għall-*handler*, għaliex peress li s-sitwazzjoni tkun reali, il-*handler* ma jkunx jaf jekk il-kelb ikunx immarka fuq dik li tissejjaħ *death scent* jiġifieri oġġett ikkontaminat jew inkella s-sors innifsu tal-materjal. Filfatt waqt it-taħriġ nippruvaw neliminaw dan il-fattur billi ma' nagħtux il-ballun lill-kelb iżda fil-xogħol propju, din naturalment ma tistax issir għall-fatt li aħna ma nkunux nafu fejn qiegħda moħbija d-droga.

Nixtieq ħafna li nkompli nitkellem u nidħol aktar fid-dettall fuq dan is-suġġett iżda ma fadalix spazju biżżejjed. Jiena nemmen li jkun hemm affarijiet li tajjeb li jiġu ċċarati u anke jistgħu jiġu rranġati għax ħafna drabi dawn ikunu nuqqas ta' ħsieb. Għal din l-edizzjoni naħseb li tajt daqsxejn introduzzjoni fuq diversi aspetti fosthom fuq it-taħriġ tal-klieb tal-Pulizija. Jekk ikun hemm xi ħadd li jkun jixtieq aktar informazzjoni dwar xi suġġett li huwa relatat ma' din is-Sezzjoni, jista' jċempel kull ħin fuq 2294 2167.

magazine.police@gov.mt

# Ċerimonja nhar is-7 ta' Settembru 2012

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

Nhar is-7 ta' Settembru, 1984, ġewwa l-gżejjer Maltin kienet seħħet traġedja fejn seba' irġiel tal-Forzi tal-ordni, żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija u ħames membri tal-Forzi Armati ta' Malta tilfu ħajjithom fuq il-P23 waqt il-qadi ta' dmirijithom.

*Il-persuni li tilfu ħajjithom f'dan l-inċident huma:*
PS 19 Saviour Muscat – 30 sena;
PC 759 Joseph Hare – 23 sena;
18271087 BDR Pace – 36 sena;
6031 BDR Borg – 36 sena;
18270962 GNR Simspon – 36 sena;
25096 PTE Farrugia – 27 sena; u
25008 PTE Vella – 20 sena.



Din it-traġedja laqtet bosta persuni, speċjalment lill-familjari u l-qraba tal-vittmi, żewġ istituzzjonijiet, kif ukoll il-pajjiż in ġenerali. Il-familjari għaddew minn traġedja kbira dakinhar u li għada tinħass saħansitra sa llum.



Propju fid-data li seħħet din it-traġedja, ta' kull sena fil-bażi Marittima tal-Forzi Armati li tinsab ġewwa Xatt it-Tiben, issir funzjoni reliġjuża biex titfakkar it-telfa ta' dawn is-seba' persuni. Waqt din iċ-ċerimonja ikunu mistiedna l-familjari u l-qraba tal-vittmi. Preżenti ukoll ikun hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur J Rizzo, il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, il-Brigadier M Xuereb, kif ukoll bosta uffiċjali għolja kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Armata.

Il-quddiesa ġiet iċċelebrata minn Rev. Fr Joe Meli f'isem il-Forzi Armati ta' Malta u minn Rev. Fr Bernard Mangion OFM f'isem il-Korp tal-Pulizija.



Wara l-quddies kien hemm it-tqegħid tal-kuruni mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Brigadier tal-Armata fuq il-monument tal-vittmi. Saret ukoll minuta silenzju bħala rispett għal dawn il-vittmi.

louise.b.camilleri@gov.mt

# L-attentat fuq il-ħajja ta' Lord (Gerald) Strickland

minn Edward Attard

F'Malta, Lord Gerald Strickland ikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali tal-1927 u, wara alleanza mal-Partit tal-Ħaddiema, sar Kap tal-Gvern u mhux biss kien responsabbli mill-Korp tal-Pulizija, imma għamel żmien kap ta' kummissjoni li mexxiet il-Korp. Fis-sena ta' wara, ir-Re Ġorġ V tah *Peerage* bid-dritt ta' Lord, dinjità nobbli tar-Renju Ingliż. B'hekk sar ukoll membru tal-*House of Lords* fl-Ingilterra.

Fl-1929 Lord Strickland kellu konflitt mal-awtoritajiet tal-knisja hawn Malta, u b'hekk bdiet il-kwistjoni politika reliġjuża li ndaħal fiha l-Vatikan. Dan wassal biex qabel l-elezzjoni ġenerali tal-1930 l-Isqfijiet Maltin ħarġu pastorali li fiha qalu li kienu jagħmlu dnub gravi dawk li joħorġu bħala kandidati ma' Lord Strickland jew ma' dawk il-partiti li kien bi ħsiebhom jappoġġawh. Fil-pastorali ssemma wkoll li kien dnub għal min jivvota għal Strickland u l-kandidati tiegħu. Din id-direttiva kompliet kabbret it-tensjoni li kien hawn fil-pajjiż u fit-3 ta' Mejju 1930 il-Gvernatur Sir John Du Cane pproklama stat ta' emerġenza u ssospenda l-elezzjoni. Din madankollu saret fl-1932 u ntrebħet mill-Partit Nazzjonalista li ggverna għal ftit xhur biss, għax f'Novembru 1933 il-Gvernatur illiċenzja lill-ministri u f'Malta reġa' kien hawn stat ta' emerġenza.



*Lord (Gerald) Strickland*

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 1930, Lord Strickland mar il-Qorti, f'dak iż-żmien fl-Auberge d'Auverne, fi Triq Irjali (illum Triq ir-Repubblika) fejn il-Qorti tal-Appell kellha tittratta l-kawża dwar il-liġi elettorali. Waqt li Strickland kien miexi fil-kuridur ta' fuq, instema' tir ta' pistola u ftit wara żewġ tiri oħra. B'xorti tajba Strickland ma ntlaqatx għax dak li spara jitbiegħed minn fejn kien għax, skont kif irrapportat il-gazzetta Il-*Progress* tal-istess ġurnata, u l-gazzetta Il-*Hmara* tal-31 ta' Mejju 1930, is-Surġent Duminku Depares u l-Kapural Caruana Giuliano ġrew għal fuqu. Kien Caruana li ħataflu idu u Depares ħadlu l-arma. Dwar min ħa l-arma minn idejn dak li spara hemm verżjoni oħra għax il-gazzetta *Malta Tagħna* tal-31 ta' Mejju 1930 irrappurtat li kien il-kuntistabbli Nru. 427 George Vella ' li baqa' tiela' wara Lord Strickland fil-qorti u li malli nstema' l-ewwel tir tar-*revolver* kien pront resaq fuq Ġanni Miller u b'daqqa ta' ponn li tah fuq idu tajjarlu r-*revolver* li bih kien spara u wara kkunsinnah f'idejn is-surġent Depares".

Il-gazzetta Il-*Progress* li minnha ttieħdet din l-informazzjoni, irrappurtat li 'wara dan l-inċident Strickland, bi tbissima fuq fommu baqa' miexi ġewwa s-sala tal-kawżi tal-appelli bħal kieku xejn ma kien ġara'. Il-*Progress* kompliet irrappurtat: 'iżda jekk Lord Strickland ħa dan il-fatt b'dik l-indifferenza ta' bniedem qalbieni, il-popolazzjoni ma ħaditiex bl-istess indifferenza. F'salt wieħed folla kbira ta' nies inġemgħet ġewwa l-qorti u mliet il-kuriduri kollha, xewqana li taħt idejha taħfen lill-assassin, li kien diġà qiegħed f'idejn il-pulizija. Din il-folla malli għarfet illi Lord Strickland xejn ma kien ġralu, infexxet b'entużjażmu mill-aqwa u b'delirju ta' ferħ u f'applawsi u għajjat ta' Viva Lord Strickland u Abbasso il-Mizziani'.

Fiż-żmien li sar dan it-tentattiv kienet għaddejja kampanja elettorali kbira u l-pajjiż kien f'eċċitament kbir. Strickland kien il-kap tal-gvern (kif kien magħruf il-prim ministru f'dak iż-żmien) u l-kap tal-Partit Kostituzzjonali u filwaqt li kellu sfida kbira mill-Partit Nazzjonalista, kellu wkoll tilwima mal-Knisja u bdiet il-kwistjoni politika-reliġjuża. Dan wassal biex fl-1 ta' Mejju 1930, l-Isqfijiet Maltin ħarġu pastorali flimkien dwar id-dmirijiet tal-fidili fl-elezzjoni u intqal li, filwaqt li l-Knisja ma kinitx tindaħal fil-politika, meta l-politika kienet thedded l-interess tar-reliġjon, meta l-ġerarkija tal-Knisja



*Is-Surġent Depares li eventwalment laħaq surġent maġġur.*

tiġi disprezzata u l-awtorità tagħha assaltata, li jinqaleb ta' taħt fuq, il-Knisja kellha dritt li tindaħal u tgħid il-verità u li twissi lil kulħadd dwar id-dmir tiegħu. Fil-pastorali tkompla ntqal li dawk il-votanti li jivvotaw għal Lord Strickland u għall-kandidati tiegħu, jew għal dawk il-kandidati li kienu qed jappoġġawh fil-ġlieda tiegħu kontra l-Knisja, kienu se jagħmlu dnub gravi.

Sadattant, il-persuna li sparat fil-Qorti kienet identifikata. Kien Ġanni Miller ta' 43 sena, mill-Isla, magħruf bħala l-Ħembet. Fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919 Miller kien qatta' bandiera Ingliża u fit-2 ta' Lulju 1919, Qorti Marzjali ppreseduta mill-Brigadier General O Swan kienet sabitu ħati u kkundannatu għoxrin sena ħabs. Imma meta fl-1927 Lord Strickland rebaħ l-elezzjonijiet u sar kap tal-gvern Miller għamel petizzjoni biex jingħata l-maħfra u din kienet ġiet milqugħha mill-Gvernatur ta' Malta, Sir John Du Cane, wara li kienet appoġġata mill-istess gvern ta' Lord Strickland. B'hekk Miller ħareġ mill-ħabs. Hawn irid jingħad ukoll li Miller kellu diġà s-sentenza mnaqqsa fis-snin ta' qabel b'ordni tal-Gvernatur.

Madwar xahrejn qabel l-inċident fil-Qorti, Ġanni Miller, li kellu driegħ maqtugħ, kien ġie akkużat li hedded lis-Sur Tancred Borg u xahar qabel kien imħarrek li hedded lill-Avukat John Bugeja. Dan kien wassal biex il-Qorti taħtar tliet esperti biex jirrappurtaw dwar is-saħħa mentali tal-akkużat u l-Professur Edgar Ferro u żewġ tobba oħra kienu qalu li Miller ma kienx miġnun.

Sadattant, meta l-Avukat Nerik Mizzi, il-kap tal-Partit Nazzjonalista u r-rival politiku ta' Strickland, kien sama' bil-każ, huwa bagħat jifraħ minnufih lill-Lord Strickland, f'ismu u f'isem il-partit. Dwar dan l-awgurju kienet ikkummentat il-gazzetta Il *Progress* tas-27 ta' Mejju 1930 fejn intqal li 'Aħna ma għandna l-ebda dubju illi Mizzi huwa tabilħaqq sinċier kwantu għal dan it-tifsir ta' ferħ minnu magħmul, f'ismu stess. Nerik Mizzi għandu sens komun biżżejjed biex iħoss li ma għandux japprova l-għemil viljakk ta' Ġanni Miller'. Wara dan il-ġest, Lord Strickland, akkumpanjat minn bintu, Mabel Strickland, kien mar l-istamperija tal-gazzetta *Malta* biex personalment irodd ħajr lil Nerik Mizzi.

L-Eżekuttiv tal-Partit tal-Ħaddiema wkoll għadda riżoluzzjoni sabiex tintbagħat ittra ta' ferħ lill-Kap tal-Gvern u, kif issemma fil-gazzetta Il *Cotra*, l-organu tal-Partit tal-Ħaddiema, il-Providenza Divina skansatu minn attentat hekk ikraħ li sata' swielu ħajtu.

Miller beda għaddej kumpilazzjoni fis-27 ta' Mejju 1930 quddiem il-Maġistrat E. Bartoli. Dakinhar kienet inġabret folla nies biex tidħol fis-sala fejn bdiet tinstama' ix-xhieda, imma ftit kienu dawk li tħallew jidħlu. Il-prosekuzzjoni tmexxiet mis-Supretendent Alfred Borg tad-Distrett tal-Belt Valletta u l-Prokuratur Legali Awgustu German. L-Avukat G. Borg Olivier deher għall-interessi ta' Strickland, filwaqt li l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici (Il-Gross) kellu jidher għall-akkużat. Imma fl-ewwel seduta kien hemm il-Prokuratur Legali Bertu Mizzi għax, skont l-istess Mizzi, l-Avukat Mifsud Bonnici kien f'awla oħra tal-Qorti.

Wara s-soltu proċeduri tal-ġbir tal-provi, l-Prokuratur Legali German talab li fl-interess tal-ġustizzja, il-proċeduri jitkomplew bil-bibien magħluqa, u l-pubbliku u l-membri tal-Istampa ma jitħallewx fis-sala. Wara li l-Prokuratur Legali Mizzi oġġezzjona għal din it-talba, is-Sur German kompla qal li l-pulizija kellha raġunijiet biex tifhem li l-akkużat kien ipprova jwettaq u jtemm kumplott li kien maħsub u mqassam minn irjus oħra. Huwa kompla qal li kien kważi żgur li filwaqt li tkun qed issir il-kumpilazzjoni, dawn l-irjus kienu se jinkixfu, imma kien meħtieġ li din issir bil-magħluq.

It-talba tal-prosekuzzjoni kienet milqugħa u l-kumpilazzjoni tax-xhieda saret bil-magħluq. Imbagħad fit-18 ta' Novembru 1930 beda l-ġuri bl-akkuża ta' attentat ta' qtil u l-prosekuzzjoni kellha ġġib provi li l-akkużat kellu l-intenzjoni li joqtol lil Strickland. B'verdett ta' tmienja kontra wieħed Miller instab ħati skond l-att tal-akkuża u ntbagħat 15-il sena ħabs. Fl-1932 meta kien ġie f'Malta l-Prinċep ta' Wales, Miller, flimkien ma' oħrajn, kienet tnaqqsitlu parti mill-kundanna.

magazine.police@gov.mt

# L-*iSpecial Olympic Games*

minn PS 494 Gordon Borg – Segretarju MPSC





Bejn il-25 u 29 ta' Settembru 2012 ġew organizzati l-*iSpecial Olympic Games* ġewwa l-Marsa *Sports Grounds,* fejn flimkien mal-atleti Maltin kien hemm ukoll numru ta' atleti Taljani li ġew f'pajjiżna sabiex jikkompetu f'diversi logħob, fosthom *bowling,* ġiri u l-għawm.

Iżda qabel xejn, huwa tajjeb li wieħed isir familjari ma' l-ispirtu tal-*iSpecial Olympics* u x'inhu l-għan ta' din l-organizzazzjoni li taħdem bla profit. Bħalma riċenti saru l-Olimpjadi kif ukoll il-para *Olympics* f'Londra, jeżistu wkoll logħob li jissejħu l-*iSpecial Olympics.* Għalhekk huwa tajjeb li nispjega x'inhu u min huma l-*iSpecial Olympics.* Din l-organizzazzjoni hija r-riżors ewlieni sabiex jinġabru fondi biex ikopru l-ispejjez involuti ma' dawn l-attivitajiet, kif ukoll sabiex jintwera` appoġġ lejn atleti b'dizabilita` intellettwali. L-organizzazzjoni hija fuq bażi volontarja, fejn nies dedikati jgħallmu u jassistu persuni b'dizabilita` sabiex jitħarrġu f'diversi dixxiplini sportivi li toffri din l-organizzazzjoni.

Bħalma dejjem huwa mistenni, il-Pulizija ta' Malta bħala *'Guardians of the Flame of Hope'* kienu mistiedna sabiex jakkompanjaw tmien atleti li kellhom jipparteċipaw f'ġirja minn quddiem il-Palazz il-Belt sal-Marsa, fejn malwasla tagħhom flimkien ma' dik tal-Pulizija jsir il-ftuħ tal-logħob billi tinxtegħel l-urna. Dawn telqu mill-Belt skortati mill-membri tat-Taqsima tat-Traffiku kif ukoll vettura tal-Iskwadra Mobbli. Hawnhekk nixtieq insemmi u nirringrazzja lill-kollegi tagħna l-Ispettur Angelo Gafa`; PS 1314 R Ambrogio; PS 206 B Aquilina, PC 1188 P Cas-

# Marriage Enrichment

minn Julian u Annabelle

Nixtiequ nwasslulkom li intom mistiednin sabiex tieħdu opportunita' u tinvestu ftit ħin għalikom u għaż-żwieġ tagħkom. Ilkoll nafu li mhux faċli li tieqaf mir-ritmu li wieħed ikun jinsab għaddej fih.

Flimkien mal-kumplament tal-membri tal-Couples For Christ kellna esperjenza diretta (waqt weekend organizzat apposta) li għenitna napprezzaw iktar lil xulxin u tefgħet dawl fuq kif nistgħu inkomplu insaħħu r-relazzjoni li tassigura żwieġ dejjem iktar b'saħħtu u fuq kollox iktar hieni. Din l-esperjenza li għamilna sebgħa snin ilu, swiet ta' ġid għaliex meta tinfetaħ għat-tagħlim l-esperjenza tal-ħajja tkun tista' tgħaqqadhom flimkien u tifhem iktar lil xulxin.

Aħna illum qed ngħixu f'soċjeta li għada kemm ivvutat favur id-divorzju għaliex donnu ridna li jkun hemm bail-out għat-tensjonijiet f'ħafna koppji. Aħna fil-Couples for Christ m'aħniex xi koppji li kollox ward u zahar; iżda nemmnu li għal kull problema hemm soluzzjoni li mhux neċessarjament tfisser li ssibha wara li tkisser kull tama ta' rikonċiljazzjoni. Il-problemi wieħed irid jiffaċċjhom u jiddiskutihom bl-umilta' b'għan li jintlaħaq ftehim. Matul dan il-weekend wieħed jista jagħti bidu għal proċess ta' fejqan li hu ta' ġid tremend għall-familja. Kull ħajt jinbena ġebla ġebla u hekk ukoll jinħatt ġebla ġebla. Il-weekend Marriage Enrichment jista' jkun il-brejk ta' żwiġijiet li qabdu t-triq tan-niżla. Iż-żwieġ narawh f'lenti ġdida u d-djalogu ikun iggwidat skond temi magħżula għal kull koppja. Dan tassew investiment imprezzabli li jista' jagħti togħma ġdida lil żwieġ li forsi tilef xi ftit mill-ħlewwa oriġinali tiegħu.

Flimkien ma dan kellna l-ħin biex niddiskutu bħala koppja, apprezzajna dan ħafna għax fid-dinja tal-llum il-ħin biex toqgħod bil-qegħda u titkellem ma tantx isibu malajr. Il-fatt li tiltaqa' ma koppji oħrajn li qegħdin ukoll jgħixu l-ħajja taż-żwieġ bit-tajjeb u bil-ħażin tgħin għax taqsam u titgħallem minn ħaddieħor. Bħala ġenituri ukoll stajna naqsmu dak li nkunu għaddejjin minnu kemm tajjeb u



kemm dak li nkunu qed insibu ta' toqol f'dak il-mument. Il-programm hu mimli b'attivitajiet fejn nidħku u nieħdu gost ukoll flimkien.

Din l-attivita' sejra tkun maqsuma fuq jumejn: fil-weekend tal-20 - 21 ta' Jannar 2013. F'din l-attivita' filwaqt li sejrin naqsmu informazzjoni dwar dak li jirraprezenta ż-żwieġ ikun hemm ħafna ħin fejn ikollkom ċans tqattgħu ftit ħin ta kwalita' f'atmosfera l 'bogħod mill-ġenn tal-ħajja. Il-post se jkun għand il-Christian Brothers il-Gżira u l-prezz ta' €15 kull persuna żammejnih baxx kemm ikopri l-ispejjeż.

Kien għalhekk li Couples For Christ fetħu din l-opportunita' għal kull min jixtieq jgħaddi minnha. Tistgħu tassiguraw postkom billi tibgħatu email lil Joe Aquilina (joedoris@melita.com) jew lid-direttur Spiritwali tal-Pulizija Fr Raymond Bonnici fuq raymondbonnici@yahoo.com. Tistgħu tkellmu lil Joe u lil Doris kull nhar ta' Ħadd wara l-Quddiesa tad-9am li ssir fil-HQ tal-Pulizija.

Għaldaqstant inħeġġiġkom sabiex taħtfu din l-opportunita' biex tinqatgħu għalikom bħala koppja u jkollkom esperjenza mall-grupp tagħna u ma miżżewġin li jixtiequ jieħdu esperjenza sabiħa.

Narawkom
Julian u Annabelle

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

# International Police Association

Dear IPA Members,



**National President end of the year message:** When I come to prepare this message for you it is an indication that once again thanks God another year is about to end. On looking back to see what was achieved during the past months, as a Section we can proudly say that year 2012 was an exceptional year. This can be said in particular for the work performed in preparation for the 14th IPA Mediterranean Regional meeting Malta 2012 and the 1st IPA Mediterranean Regional Shooting competition. For these two events the NEC started working since September 2009, however as expected, during the first four months of this year, the entire committee worked non-stop to make all ends meet as per deadlines. A record number of NEC meetings were held, and in between each meeting, the sub committees met again to solve every cropping situation. As you have already been informed these events were a great success and all the delegates, observers and visitors had words of praise for Section Malta for the way we have prepared and conducted these events. During these activities a good number of our members took the opportunity to meet foreign colleagues and exchange their views on different subjects, apart from establishing new friendships. However the biggest headache about these activities was how to finance them, since the Mediterranean meeting expenses had to be covered all by our Section. To this regard we would like once more to thank all our friends who helped us through their sponsorship. Definitely the success of these activities will remain a land mark for our Section in its nearly fifty years of existence.

Off course apart from the two mentioned meetings, the NEC worked also on a number of other activities and projects for the benefit of our Section and its members.

To indicate a few, since all our activities were mentioned on our monthly e-News, to mark our 48th Anniversary a delegation from the NEC paid a visit to the Chief Justice Dr. Silvio Camilleri at his office at the Law Courts. Also for this occasion 'community work' was performed, and a Thanks Given mass was held for our members at PHQ following by refreshments.

As one of the Internal Auditors, in May I met my colleagues Pierre, Romain and Gunter in Hamburg to conclude the last internal audit together, at the end of the second term of office. For the service rendered as an Internal Auditor, a bronze medal was awarded by the PEB during the World Congress, which we have managed to attend.

As expected, especially during the summer months assistance was once again rendered to a number of foreign colleagues who visited our Island on holiday. On the other hand we have also helped a number of our members who requested assistance while being abroad.

During the last two NEC meeting held, we have started discussing what can be organised to commemorate our 50th Anniversary which is due on the 30th April 2014. For this special event a number of proposals have been put forward as you can see from the short paragraph below.

However although through the NEC we are trying to do our utmost to keep our Section active and in line with what other Sections are performing, unfortunately sometimes I tend to feel that some of our members are not that responsive as expected and they tend to let us down.

On the other hand our National Treasurer often complains that we have some members who every year one has to run after them to pay their membership contribution, which as you know is the cheapest in the euro zone. Nowadays should it be that difficult to pay and collect the membership stamps? Should the treasurer keep continuously writing and sending reminders one after the other?



Having said so we have a good number of members who do care and practise in reality the IPA spirit, always willing to assist and give a helping hand when needed. As you know we are more than pleased to receive your comments and suggestions how we can improve and make our section more dynamic. An occasion to express your feeling is our next IPA National Council meeting which will be taking place on **Sunday 20th January at 09.45hrs at the Associations Centre Marsa. Your presence and participation is very important to us.**




During the last two NEC meetings, committee members continued discussing what type of activities we can organise to celebrate our **50th Anniversary when Malta became a full member of the IPA family** on the **30th April 1964.** Whatever is organised the success of the event depends entirely on the willingness of the members to participate and take an active part. In view of this we would like to put forward for your information what we have in mind to organise, so that through your comments and feed-back we can even improve. These are the main activities being proposed.

Thanks Given Mass, a gala dinner, presentation of long membership certificates, photographic, fishing, and shooting competitions, community work and a day visit to Sicily meeting Sicilian IPA members. Your response will be very much appreciated. (1964 – 2014)

MEDALS AWARDED AT THE WORLD CONGRESS





For six years, **Günter Lambrecht** and **Dione Bugeja** were the Association's Internal Auditors. They annually checked the accounts of the International Treasury, carefully making sure that the finances were in accordance with the decisions of the IEC and PEB. They both received Bronze Medals for their valued commitment.

**Introducing IPA to the police recruits;** As we have been doing now for the past years, thanks to the Commissioner Mr. John Rizzo, once again IPA Malta was invited to call at the Police Academy Santa Venera and introduced IPA to the new police recruits attending the 33rd Basic Course. On Wednesday 19th September 2012, our National president Dione Bugeja together with Jean Paul Formosa called at the Academy and gave a power point presentation about IPA; its origin, its founder Arthur Troop, aims and objective, the international and local governing bodies the PEB and the NEC, activities, travelling facilities, Arthur Troop scholarship, Gimborn and common policemen's hobbies. Whilst Dione Bugeja concentrated on the above topics, Jean Paul being of a younger generation spoke about the Young Police Officers seminar which was held in the Netherlands and opportunities available for IPA members to meet foreign colleagues such as the Anniversary activities in Poland and sports manifestations. After two sessions of information about IPA from 09.00 to 11.00hrs, it was evident that considerable interest was generated among the ninety seven strong group, preparing themselves to be part of the Malta Police corps. A quantity of IPA mementos consisting of IPA caps and biros were distributed among the recruits.




**2013 Young police officers seminar:** Following the success of the 1st. Young Police Officers seminar held in the Nederland's last year, as announced the 2nd similar seminar is being held **in Australia Brisbane, Queensland** between Sunday 21st and Saturday 27th April 2013. After publishing this activity last year for interested members wishing to attend for this seminar, we are pleased to say that our full service member **Sylvan Bonello**, who at the moment is rendering service in Kosovo, has been accepted by the organising committee, and he will be representing our Section. We wish Sylvan success and an enjoyable time

**Membership Renewal Lottery 2013:** We are pleased to inform you that this year once again we are holding the membership Renewal Lottery and the two winners will be receiving €50 voucher each to be spent at Pavi Supermarket, partly donated by the Pavi Supermarket Management of Qormi. All members who up to the National Council meeting would have paid their membership will be participating. However those members who on the same day would have also renewed their 2013 membership will participate with two tickets. In addition attendees for the National Executive Council meeting, during which meeting the lottery will be drawn, will receive a bonus of two extra tickets. So call at the IPA office and settle your membership and let's see you all at the meeting, Sunday 20th January 2013.

**IPA National Council meeting 2013:** Dear members please be informed and note that our National Council Meeting 2013 is being held on Sunday 20th January 2013 at the Associations Centre Marsa at 09.45hrs, started with Sunday Mass. You are kindly invited to leave this morning free so that you can join us for this meeting between friends. **Your attendance is important to us.**



Dear Members on behalf of the Executive Committee
I would like to wish you and your families a Very Happy Christmas and a Prosperous New Year 2013.
Dione Bugeja – National President.

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

# Quddiesa u Ċeremonja ta' fuq l-oqbra tal-Pulizija fl-ewwel Ħadd ta' Novembru.





Nhar il–Ħadd 4 ta' Novembru, il-membri tal-Kunsill attendew għall-quddiesa li saret fil–Kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata b'sufraġju għar-ruħ l-eks membri tal-Korp. Għal dan l-avveniment attenda wkoll Onorevoli Beppe Fenech Adami, Assistent Parlamentari fil-Ministeru għal Intern, il-Kummissarju tal-Pulizija Is-Sur John Rizzo, id-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, u uffiċjali tal-Korp fost oħrajn. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr. Ray Bonnici.

Wara l-quddiesa saret is-soltu ċerimonja fuq l-oqbra ta' l-eks membri tal-Korp, fejn tpoġġew kuruni tal-fjuri f'riġlejn il-monument mill-Onorevoli Beppe Fenech Adami, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-*Malta Police Association*, Il-*Malta Association of Retired Police Officers*, l-Akkademja tal-Pulizija u l-International Police Association.

Aktar tard, Tony Carbonaro li jiġi t-tifel ta' l-ex membru PC 989, Anthony Carbonaro u Marlene Abela oħt l-ex WPC 13 Josette Vassallo, qraw ħsibijiet u riflessi dwar il-maħbubin tagħhom.

# Il-Kavallerija ta' Malta barra min xtutna!!



Kien Ġunju 1953, meta l-Kavallerija tal-Pulizija, għall-ewwel darba fl'istorja, ġiet impenjata fi skorta barra min Malta, meta erba' membri marru l-Ingliterra jeskortaw lill-Prim Ministru Malti ta' dak iż-żmien, Dr. George Borg Oliver, fl-inkoronazzjoni tar-Reġina Elizabetta 11.



PC. 402 Ruzar Grech



PC. 711 Peter Muscat



PC. 544 Anthony Galea



PC. 169 Emanuel Cassar

Min kienu dawn l-erbgħa li ġew magħżula biex jagħmlu din l'iskorta hekk importanti. Illum ser inlaqqakom magħhom. L-iskorta kienet magħmula min dawn :-

PC. 402 Ruzar Grech, PC. 711 Peter Muscat
PC. 544 Anthony Galea, PC. 169 Emanuel Cassar

Dawn ilkol ġew mogħtija l-Coronation Medal għal dik l-okkazzjoni.





## Mill-Imgħoddi

Meta ġiet introdotta l-*badge* l-ġdida tal-Pulizija, fl-4 ta' Frar 1923, magħha ġie ukoll introdott l-elmu l-iswed, dak li kien u għadu jintuża mis-*City of London Police* ta' l-Ingilterra, u l-*Great-Coat.*

Kien hemm żewġ tipi ta' *Great Coats.* Wieħed għall-Pulizija u ieħor għas-Surġenti u Surġenti-Maġġuri. Tal-pulizija kien *double breasted u 'chinese collar',* filwaqt li tas-Surġenti u s-Surġenti Maġġuri kien ukoll *'double breasted'* imma kellu l'għonq !

Dawn ma tantx kienu populari ħafna mal-membri tal-Korp, peress li l-*coat* kien tqil ħafna, u l-elmu ma tantx kien komdu.

Fillfatt dawn kellhom ħajja qasira peress li xi ftit tas-snin wara ġew irtirati, u reġgħu marru għal-beritta ta' kif nafuha llum.







Ex. Ps 757
Michael Sciberras
1932 – 2012
1951 – 1977 (Gozo)



Ex. Pc 494
Lawrence Micallef
1929 – 2012
1951 – 1977 (Gozo)



Ex. Pc 1202
Clinton Pace
1983 – 2012
2003 – 2012 (serving)



Ex. 2/SM 939
Anthony Farrugia
1936 – 2012
1951 – 1982



Ex. Pc 238
Anthony Pace
1938 – 2011
1956 - 1962



Ex. Pc 744
Carmel Degiorgio
1935 – 2012
1953 - 1964

# *Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*



Ex. Pc 1396
Nazzareno Seychell
1935 – 2012
1979 - 1996



Ex. Pc 997
Joseph Busuttil
1959 - 2012
1979 - 2012
(serving)



Ex. Pc 1011
Charles Mair
1941 - 2012
1963 - 1998



Ex. Pc 413
Francis Spiteri
1919 - 2012
1945 - 1970